



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.5.2026
COM(2026) 232 final

2026/0115 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-biljettar ferrovjarju

{SEC(2026) 300 final} - {SWD(2026) 300 final} - {SWD(2026) 301 final}

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “*Il-Patt Ekoloġiku Ewropew*”¹ u l-Liġi dwar il-Klima u l-²emenda sussegwenti³ jistabbilixxu kemm: (i) objettiv tan-newtralità klimatika li jrid jintlaħaq mill-UE sal-2050, kif ukoll (ii) objettiv ċar li l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-anqas 55 % sal-2030 u b'90 % sal-2040, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Il-Komunikazzjoni tappella wkoll għal tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, filwaqt li taħdem lejn l-ambizzjoni ta' tniġġis zero⁴. Barra minn hekk, tappella għal tnaqqis: (i) fl-impatti fuq is-saħħa tal-emissjonijiet tal-inkwinanti b'aktar minn 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990; u (ii) fis-sehem ta' persuni li jsofru minn disturbi kroniċi minħabba l-istorbju mit-trasport b'30 % sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-1990. It-trasport jiġġenera madwar 25 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-UE, u dawn l-emissjonijiet żdiedu f'dawn l-aħħar snin. Billi t-trasport ferrovjarju huwa mod ta' trasport fil-biċċa l-kbira tiegħu elettrifikat u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, żieda fl-użu tas-servizzi ferrovjarji għandha tikkontribwixxi biex jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-konsum tal-enerġija mis-settur tat-trasport.

Fl-2020, it-trasport bil-ferrovija kien jammonta għal 5,1 % tat-trasport tal-passiġġieri bejn il-pajjiżi tal-UE u għal 11,5 % tat-trasport tal-merkanzija bejn il-pajjiżi tal-UE, iżda għal 0,4 % biss tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport fl-UE⁵. It-trasport bil-ferrovija huwa effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija – u jammonta biss għal 0,6 % tal-konsum tal-enerġija tal-modi kollha tat-trasport⁶ fl-UE – u l-biċċa l-kbira tat-traffiku ferrovjarju jaħdem fuq linji elettrifikati. Il-politika tal-UE ppromwoviet b'mod konsistenti t-trasport bil-ferrovija, mhux biss minħabba dawn il-vantaġġi tal-enerġija u tal-emissjonijiet, iżda wkoll minħabba l-

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni (Il-Patt Ekoloġiku Ewropew), COM(2019) 640 final, https://commission.europa.eu/publications/communication-european-green-deal_en?prefLang=mt.

² Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (“il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”), ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

³ Il-Kunsill tal-UE, Mira klimatika għall-2040: il-Kunsill jagħti l-approvazzjoni finali, Stqarrija għall-istampa, 5 ta' Marzu 2026, <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2026/03/05/2040-climate-target-council-gives-final-green-light/>.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, “Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija”, COM/2021/400 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0400&qid=1623311742827>.

⁵ Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Briefing – Improving use of rail infrastructure capacity, PE 754.599,

https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2023/754599/EPRS_BRI%282023%29754599_EN.pdf.

⁶ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Id-disa' rapport dwar il-monitoraġġ tal-iżvilupp tas-suq ferrovjarju skont l-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM(2025) 439 final, https://transport.ec.europa.eu/document/download/49ed336c-86ea-461c-b20c-1397fab497f5_en?filename=COM_2025_439_F1_REPORT_FROM_COMMISSION_MT_V2_P1_4191768.PDF.

benefiċċji soċjoekonomiċi ċari tat-trasport bil-ferrovija, il-livell għoli ta' sikurezza u l-kapaċità li jippromwovi l-koeżjoni territorjali.

Sistema effiċjenti ta' biljettar hija essenzjali għall-funzjonament tas-suq tal-passiġġieri tal-ferrovija. Il-funzjonament subottimali tas-suq tal-biljettar ferrovjarju fl-UE ġie nnotat fost l-oħrajn: (i) fil-pjan ta' azzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021 biex tingħata spinta lit-trasport bil-ferrovija tal-passiġġieri fit-tul u transfruntier⁷, (ii) fil-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024–2029⁸; u (iii) fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2025 dwar il-Konnessjoni tal-Ewropa b'Ferrovijs ta' Veloċità Għolja⁹.

Wara erba' pakketti ferrovjarji leġiżlattivi, iż-żona ferrovjarja unika Ewropea nfetħet għall-kompetizzjoni, u dan irriżulta f'offerta aħjar, aktar diversa u aktar affordabbli għall-passiġġieri. Fl-2024, il-kilometri vvjaġġati mill-passiġġieri fuq il-ferroviji tal-UE żdiedu b'5,8 %¹⁰, xprunati minn domanda qawwija tal-konsumaturi u t-tneċċija ta' servizzi ġodda, inkluż minn operaturi ġodda. Madankollu, għalkemm sar progress sinifikanti fuq elementi fundamentali oħra taż-żona ferrovjarja unika Ewropea, (bħall-iżvilupp ta' infrastruttura komuni, interoperabbiltà mteġba u titjib fil-ġestjoni tal-kapaċità), il-biljettar ferrovjarju għadu dgħufija strutturali sinifikanti. Ir-rivoluzzjoni diġitali fil-bejgħ bl-imnut, li ġiet esperjenzata f'setturi oħra (lukandi u vjaġġar bl-ajru) ma mmaterjalizzatx għall-ferroviji. Il-pass aktar kajman tal-ftuħ tas-suq ferrovjarju meta mqabbel, pereżempju, mas-servizzi tal-ivvjaġġar bl-ajru, irriżulta f'differenzi konsiderevoli fis-swieq korrispondenti għall-biljettar online.

Il-kumpaniji eżistenti jaġixxu bħala gwardjani, u joperaw il-maġġoranza l-kbira tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri filwaqt li huma wkoll is-sidien tal-fornitur tas-servizz ta' biljettar online tagħhom stess. Dawn il-kumpaniji jistgħu kemm: (i) jużaw il-pożizzjoni preeżistenti tagħhom biex jiżvantaġġaw lill-fornituri tas-servizz ta' biljettar online li jikkompetu magħhom billi jikkondividu data u offerti b'mod selettiv; u (ii) jeskludu operaturi ferrovjarji kompetituri billi jirrifjutaw li jbigħu fuq is-servizz ewlieni tal-biljettar online tagħhom il-biljetti offruti minn dawn l-operaturi kompetituri. Din is-sitwazzjoni tillimita t-trasparenza tal-prezzijiet u tnaqqas il-viżibbiltà tal-operaturi l-ġodda għall-konsumaturi, u b'hekk iddgħajef l-argument għall-vijabbiltà għal servizzi ferrovjarji ġodda li altrimenti jixprunaw l-affordabbiltà u jwasslu għal bidla modali. Għall-operaturi l-ġodda, il-biljettar effiċjenti online huwa kruċjali biex jintlaħqu l-klijenti. Għall-konsumaturi, ix-xiri ta' biljetti ferrovjarji huwa diffiċli wisq, speċjalment meta jkunu jridu jivvjaġġaw bejn il-fruntieri jew meta l-vjaġġ ikun jinvolvi l-użu ta' ferroviji ta' aktar minn operatur wieħed. Dan ġie rikonoxxut fil-linji gwida politiċi għall-2024–2029¹¹, li jiddikjaraw li n-nies għandhom ikunu jistgħu jużaw sistemi ta' prenotazzjoni miftuħa biex jixtru vjaġġi trans-Ewropej b' diversi fornituri. Din l-isfida kompliet tiġi kkonfermata kemm fir-rapport Letta dwar il-futur tas-suq

⁷ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Pjan ta' Azzjoni biex tingħata spinta lill-ferrovija tal-passiġġieri fuq distanzi twal u transfruntiera, COM/2021/810 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52021DC0810>.

⁸ Ursula von der Leyen – L-għażla Quddiem l-Ewropa – Linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029, https://commission.europa.eu/document/download/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_mt?filename=Political%20Guidelines%202024-2029_MT.pdf.

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Nikkollegaw l-Ewropa b'Ferrovijs ta' Veloċità Għolja, COM(2025) 903 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52025DC0903>.

¹⁰ Il-Eurostat, Rail passenger transport increased by 5.8 % in 2024, Artiklu tal-aħbarijiet, il-31 ta' Ottubru 2025, <https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/w/ddn-20251031-1>.

¹¹ Ursula von der Leyen – L-għażla Quddiem l-Ewropa – Linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029, https://commission.europa.eu/document/download/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_mt?filename=Political%20Guidelines%202024-2029_MT.pdf.

uniku¹² kif ukoll fir-rapport Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea¹³. Ġiet ikkonfermata wkoll mill-eżiti tal-Ewrobarometru flash 551¹⁴.

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE, l-Artikolu 102) jipprojbixxi mgħiba abbużiva minn kumpaniji li jkollhom pożizzjoni dominanti fi kwalunkwe suq partikolari. Il-Kummissjoni, kif ukoll il-qrati nazzjonali u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni madwar l-UE, bdew proċedimenti abbażi tal-Artikolu 102 tat-TFUE, li żvelaw Prattiki minn kumpaniji eżistenti bħall-preferenza ta' mezzi ta' distribuzzjoni diretti, ir-restrizzjoni tal-aċċess għall-kontenut u għad-data tal-biljettar, u l-impożizzjoni ta' tariffi irraġonevoli u rekwiżiti tekniċi irraġonevoli fuq il-fornituri tas-servizz ta' biljettar online ta' partijiet terzi.

Qed jitfaċċaw fornituri indipendenti tas-servizz ta' biljettar online iżda t-tkabbir tagħhom fis-suq tal-biljettar għadu modest. B'għadd dejjem akbar ta' operatori ferrovjarji u b'riskju ta' frammentazzjoni tal-offerta tal-biljettar, qed isir dejjem aktar importanti li l-passiġġieri jkunu jistgħu jsibu, iqabblu, jikkombinaw u jipprenotaw il-biljetti f'post wieħed.

Din il-proposta tindirizza l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq fis-suq tal-biljettar. L-ewwel nett, tobbliga lill-operaturi u lill-organizzaturi tas-servizzi ferrovjarji jaqsmu l-prodotti ferrovjarji tagħhom mal-fornituri tas-servizz ta' biljettar online, meta jintalbu jagħmlu dan.

It-tieni, din il-proposta tobbliga lill-operaturi ferrovjarji b'shem mis-suq ta' 50 % jew aktar tas-servizzi ferrovjarji nazzjonali jifflu s-servizz ta' biljettar online tagħhom lil kwalunkwe operatur jew organizzatur ta' servizzi ferrovjarji rikjedenti. Bħalissa, huma biss l-operaturi eżistenti tal-Istat li għandhom sehem mis-suq ta' 50 % jew aktar mis-suq tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri u, kif spjegat hawn fuq, bir-rikonossiment tal-marka li wirtu u s-servizz stabbilit tagħhom tal-biljettar online, għandhom ukoll preżenza sinifikanti fis-swieq nazzjonali tal-biljettar ferrovjarju. Dan il-limitu ta' 50 % huwa bbażat fuq il-ġurisprudenza rilevanti u l-prattika tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni. Il-kunċett ta' "preżenza sinifikanti fis-suq" huwa konformi mal-kunċett ta' "saħħa sinifikanti fis-suq" fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji gwida dwar l-analiżi tas-suq u l-valutazzjoni tas-saħħa sinifikanti fis-suq skont il-qafas regolatorju tal-UE għan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (C/2018/2374) (EUR-Lex – 52018XC0507(01) – MT – EUR-Lex), li tfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita¹⁵, sehem kbir ħafna mis-suq miżmum minn impriża għal xi żmien – aktar minn 50 % – huwa fih innifsu, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, evidenza tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti.

Din il-proposta iżżid ċerti kundizzjonijiet mal-ftehimiet li għandhom jiġu konklużi wara dawn l-obbligi. Dawn il-kundizzjonijiet jiżguraw li l-partijiet li għandhom obbligu jew dritt li jidħlu fi ftehim kummerċjali la jbatu u lanqas ma jimponu kundizzjonijiet irraġonevoli.

Din l-inizjattiva ġiet inkludata kemm fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2022 kif ukoll fl-azzjonijiet 37 u 65 tal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti. L-inizjattiva ġiet żviluppata b'rabta mill-qrib mal-proposta għal Regolament dwar il-Prenotazzjoni Multimodali (RMB), li tuża l-istess valutazzjoni tal-impatt bħal din l-inizjattiva.

¹² Enrico Letta, Much More Than a Market – Speed, Security, Solidarity – Empowering the Single Market to Deliver a Sustainable Future and Prosperity for All EU Citizens, <https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf>.

¹³ Mario Draghi, The Draghi Report on EU Competitiveness, https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_mt#paragraph_47059.

¹⁴ Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, Ewrobarometru Flash FL551: Servizz Diġitali tal-Mobbiltà Multimodali, https://data.europa.eu/data/datasets/s3178_fl551_eng?locale=mt.

¹⁵ Is-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, 85/76, EU:C:1979:36, il-punt 41; is-sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, Akzo vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, il-punt 60; u s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1991, Hilti vs Il-Kummissjoni, T-30/89, EU:T:1991:70.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea tirrikonoxxi l-importanza ta' sistemi komuni ta' informazzjoni u ta' bejgħ ta' biljetti globali żviluppati mis-suq. Id-Direttiva tgħid li dawn is-sistemi għandhom ikunu interoperabbli u nondiskriminatorji u jippermettu lill-passiġġieri jippjanaw vjaġġi u jipprenotaw biljetti madwar l-UE. Id-Direttiva tiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-operaturi tas-servizzi domestiċi tal-passiġġieri jipparteċipaw fi skemi komuni ta' informazzjoni u ta' biljettar integrati għall-provvista ta' biljetti, biljetti globali u prenotazzjonijiet, sakemm dawn l-iskemi ma jgħolqux distorsjoni fis-suq jew ma jiddiskriminawx bejn l-impriżi ferrovjarji. Id-Direttiva tirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-disponibbiltà ta' sistemi komuni ta' informazzjoni u ta' bejgħ ta' biljetti globali, u tippredvi li dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi. F'dokumenti preċedenti, il-Kummissjoni ddeterminat li d-disponibbiltà ta' biljetti globali bħalissa hija limitata. B'din il-proposta, il-Kummissjoni qed tippjana li toħloq il-kundizzjonijiet qafas li jippermettu lill-fornituri tas-servizz ta' biljettar online ikollhom offerta kompluta ta' prodotti ferrovjarji, kif ukoll id-dritt li jikkombinawhom kif iridu fuq talba tal-konsumatur (sakemm jiġu rrispettati l-ħinijiet minimi ta' konnessjoni għall-istazzjonijiet fejn tkun meħtieġa bidla fil-ferroviji).

Skont id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabbiltà ferrovjarja¹⁷ il-Kummissjoni żviluppat speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għall-applikazzjonijiet telematiċi (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/253¹⁸ jew Speċifikazzjoni Teknika għall-Interoperabbiltà (TSI) relatata mat-Telematika), li jappoġġaw l-interoperabbiltà tal-kondiviżjoni tad-data fit-trasport ferrovjarju. Dan jirrikjedi li d-data tal-iskedi tal-ħin għas-servizzi ferrovjarji tiġi kondiviża permezz ta' punti ta' aċċess nazzjonali implimentati mill-Istati Membri għal sistemi ta' informazzjoni dwar it-trasport multimodali madwar l-UE. Jistabbilixxi wkoll il-format tad-data li għandu jiġi applikat abbażi tal-istandards Ewropej kif ukoll il-liċenzji li għandhom jintużaw meta tali data tiġi kondiviża għall-ivvjaġġar bil-ferrovija.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ikkonfermat l-għan tal-UE li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050 u l-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport b'90 % sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. L-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti kompliet telabora dwar l-għanijiet tal-Komunikazzjoni għat-trasport. L-istrateġija appellat għal miżuri aktar b'saħħithom biex jinċentivaw l-użu tat-trasport multimodali. L-istadji importanti stabbiliti mill-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti kienu jinkludu li l-ivvjaġġar kollettiv skedat għal vjaġġi ta' inqas minn 500 km isir newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll li t-traffiku tal-passiġġieri b'veloċità għolja jiġi rduppjat sal-2030 u jiġi ttriplikat sal-2050 meta mqabbel mal-livelli tal-2015.

¹⁶ Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni), ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32.

¹⁷ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (riformulazzjoni), ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.

¹⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/253 tas-6 ta' Frar 2026 dwar speċifikazzjoni teknika relatata mas-subsistema telematika tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea għall-interoperabbiltà tal-kondiviżjoni tad-data fit-trasport ferrovjarju (TSI TEL) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 454/2011 (TSI TAP) u (UE) Nru 1305/2014 (TSI TAF), ĠU L, 2026/253, 10.2.2026.

Dwar il-politiki tat-trasport diġitali, id-Direttiva ITS¹⁹ tistabbilixxi qafas kemm għall-varar ta' sistemi tat-trasport intelliġenti fis-settur tat-toroq u għall-interfaċċi bejn dawn is-sistemi tat-toroq u sistemi għal modi oħra ta' trasport. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926²⁰ dwar is-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali madwar l-UE jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu punti ta' aċċess nazzjonali għall-informazzjoni lill-passiġġieri, li tinkludi data f'ħin reali għall-modi kollha, iżda biss għall-finijiet ta' informazzjoni.

Kif imħabbar fl-Istrateġija Ewropea għad-Data, il-Kummissjoni qed tiżviluppa azzjonijiet biex tibni spazju komuni Ewropew tad-data dwar il-mobbiltà li jista' jiffaċilita l-aċċess għad-data dwar it-trasport u l-mobbiltà, il-ġbir u l-kondiviżjoni tagħha. Dawn l-azzjonijiet se jqisu l-mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tad-data żviluppatti fil-fora tat-trasport u fil-leġiżlazzjoni rilevanti, inkluż l-RMB u din il-proposta.

Fir-rigward tal-politiki ġenerali tad-data, bl-istabbiliment ta' miżuri settorjali rigward il-fornituri tas-servizzi tal-biljettar online, din il-proposta tikkomplementa u ma taffettwax l-applikazzjoni tar-Regolament dwar ir-relazzjonijiet bejn il-pjattaformi u n-negozji²¹, tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA)²², tal-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA)²³ u tal-Att dwar id-Data (DA)²⁴. B'mod partikolari, id-DA huwa partikolarment rilevanti minħabba r-regoli armonizzati dwar il-kondiviżjoni tad-data inklużi r-regoli dwar termini kuntrattwali inġusti.

Kemm id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali²⁵ kif ukoll ir-reviżjoni tagħha jipprojbixxu r-reklamar qarrieqi u l-promozzjoni mħallsa li jirriżultaw fi klassifikazzjonijiet oġġettivi għall-prodotti fir-riżultati tat-tiftix. Din il-proposta hija marbuta mal-proposta għal RMB, li tikkomplementa l-atti ta' hawn fuq permezz ta' miżuri li: (i) jiżguraw li r-riżultati tat-tiftix fuq is-servizzi tal-biljettar multimodali jintwerew b'mod newtrali; (ii) jipprojbixxu l-awtopreferenzjar u l-prominenza mħallsa, u jippermettu kontenut reklamati biss taħt ċerti kundizzjonijiet; u (iii) jistabbilixxu lista ta' kriterji obbligatorji ta' klassifikazzjoni.

F'dak li jirrigwarda l-politiki li jittrattaw id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija, din il-proposta hija marbuta mill-qrib mar-Regolament (UE) 2021/782 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (RPRR)²⁶. L-RPRR daħal fis-seħħ f'Ġunju 2021 u japplika minn Ġunju 2023. Dan jissostitwixxi r-regoli inizjali tal-UE fil-qasam li kienu ilhom japplikaw mill-2009. Fost affarijiet oħra, ir-Regolament: (i) itejjeb l-għoti ta' informazzjoni f'ħin reali dwar l-ivvjaġġar; (ii) jintroduċi regoli dwar il-kondiviżjoni tad-data għall-operaturi u għal partijiet terzi (inklużi l-bejjiegħa tal-biljetti u impriżi ferrovjarji oħra) meta jkollhom ftehim;

¹⁹ Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport, ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1.

²⁰ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926 tal-31 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha, ĠU L 272, 21.10.2017, p. 1.

²¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57.

²² ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1.

²³ Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali), ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-Data), ĠU L, 2023/2854, 22.12.2023.

²⁵ ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni), ĠU L 172, 17.5.2021, p. 1.

(iii) iżid dritt ta' ridirezzjonar awtonomu tar-rotta; u (iv) jirrikjedi li l-operaturi taħt l-istess sid joffru biljetti globali. Qed issir reviżjoni mmirata ta' dan ir-Regolament b'mod parallel ma' din il-proposta biex jiżiedu d-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija b'biljett uniku għal vjaġġ wieħed ma' aktar minn operatur ferrovjarju wieħed, prenotat fuq servizz uniku tal-biljettar online fi tranżazzjoni waħda. Din l-inizjattiva tikkomplementa din ir-reviżjoni billi toħloq il-kundizzjonijiet li jippermettu lill-vjaġġaturi bil-ferrovija jipprenotaw dawn il-biljetti uniċi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat proposta fl-2023 għad-drittijiet tal-passiġġieri fil-kuntest ta' vjaġġi multimodali li timponi regoli għall-protezzjoni tal-passiġġieri meta jaqilbu bejn modi differenti ta' trasport.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-bażi legali għall-proposta hija l-Artikolu 91(1), il-punt (d) tat-Titolu VI tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE). L-Artikolu 91 jistabbilixxi l-prerogattiva tal-UE li ssegwi l-oġġettivi tat-Trattati fil-qafas ta' politika komuni tat-trasport u li tistabbilixxi r-regoli xierqa għal dak il-għan. Billi tikkontribwixxi għall-funzjonament tas-suq tad-distribuzzjoni tal-biljetti tat-trasport f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fl-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, din l-inizjattiva tiffirma parti mill-politika komuni tat-trasport. Is-suq tad-distribuzzjoni tal-biljetti tat-trasport jinkludi servizzi intrinsikament marbuta mas-servizzi tat-trasport. Għalhekk, l-inizjattiva tqis il-karatteristiċi distintivi tat-trasport. L-applikazzjoni ta' din l-inizjattiva ma hijiex se taffettwa serjament il-livell ta' għajxien u l-livell ta' impjieg f'ċerti reġjuni, u t-tħaddim tal-faċilitajiet tat-trasport.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

F'xi Stati Membri, hemm fis-seħħ leġiżlazzjoni li diġà tindirizza l-biljettar ferrovjarju jew aspetti tal-biljettar ferrovjarju. Madankollu, l-ivvjaġġar transfruntier u fuq distanzi twal intra-UE jeħtieġ approċċ fl-UE kollha biex jiġu żgurati regoli armonizzati kemm għall-operaturi, għall-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll għall-bejjieġha tal-biljetti. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE tiżgura li ċ-ċittadini fl-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ minn aċċessibbiltà mtejbja għall-biljetti ferrovjarji u minn titjib fil-prenotazzjoni tagħhom, u b'hekk jibbenefikaw mill-opportunità li jagħżlu mod ta' trasport sostenibbli għall-vjaġġi tagħhom, inkluż daww transfruntieri. Bil-progress li qed isir fil-proċess tal-ftuħ tas-suq u d-dehra ta' kumpaniji addizzjonali fis-suq ferrovjarju, il-leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE tgħin biex dawn il-parteċipanti l-ġodda jsiru viżibbli fuq is-siti web tal-biljettar li jaġixxu fl-UE. Dan huwa partikolarment rilevanti għas-servizzi transfruntieri, sabiex jiġu żgurati livelli ugwali ta' aċċess għall-prodotti ferrovjarji għaċ-ċittadini fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera. Id-diskrepanzi bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali fl-implimentazzjoni ta' regoli ġodda għall-biljettar online jistgħu jifframentaw aktar is-suq. Dan jista' jirriżulta f'kostijiet oġġli u jnaqqas il-benefiċċji għall-fornituri tas-servizzi tal-biljettar online, għall-awtoritajiet, għall-operaturi u għall-utenti tat-trasport. Hemm bżonn ta' intervent fil-livell tal-UE biex jiġu evitati strateġiji diverġenti b'effetti mhux intenzjonati.

• Proporzjonalità

Din il-proposta se tippermetti lill-konsumaturi jibbenefikaw minn għażla akbar u aktar faċli ta' prodotti ferrovjarji. B'mod parallel, issaħħaħ il-pożizzjoni tal-fornituri tas-servizz ta' biljettar online tal-ferroviji u twessa' l-aċċess għal mezzi indispensabbli tal-biljettar ferrovjarju għal operaturi ferrovjarji iżgħar u li jkunu entranti ġodda. B'dan il-mod, din il-proposta se ttejjeb il-funzjonament taż-żona ferrovjarja unika Ewropea (u l-funzjonament tas-suq uniku b'mod aktar ġenerali), u tappoġġa l-oġġettiv tal-UE ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. L-azzjoni fil-livell tal-UE b'regoli ċari u armonizzati se tneħħi l-ostakli għall-

operaturi ferrovjarji u għall-fornituri tas-servizz ta' biljettar online, u se tagħmel l-ivvjaġġar bil-ferrovija aktar attraenti. Dan min-naħa tiegħu se jappoġġa l-oġġettivi fil-livell tal-UE biex is-settur tat-trasport isir ekoloġiku.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li jistabbilixxi qafas armonizzat u direttament applikabbli għall-“kondiviżjoni” obbligatorja tal-prodotti ferrovjarji, kif ukoll għall-“hosting” obbligatorju tal-prodotti ferrovjarji fuq is-servizz ta' biljettar online tal-operatur eżistenti, Regolament huwa mod aħjar biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-inizjattiva minn Direttiva. Regolament se jevita kwalunkwe differenza fir-regoli u l-prattiki nazzjonali, li tista' toħloq ostakli għall-fornituri tas-servizz ta' biljettar online u għall-impriżi ferrovjarji li joperaw b'mod transfruntier. Bil-proċess li għaddej tal-ftuħ tas-suq ferrovjarju, l-għadd ta' impriżi ferrovjarji attivi fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea huwa mistenni li jikber. Għalhekk huwa importanti li drittijiet u obbligi ugwali japplikaw għal dawn l-impriżi, sabiex ikunu jistgħu joperaw f'qafas legali ugwali, speċjalment meta jikkompetu ma' xulxin.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta, u l-proposta legali dwar is-servizzi diġitali tal-mobbiltà multimodali, huma bbażati fuq l-istess valutazzjoni tal-impatt.

Bħala parti mit-thejjja ta' dik il-valutazzjoni tal-impatt, twettqu diversi attivitajiet ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, biex tinġabar informazzjoni kemm kwalitattiva (opinjonijiet, fehmiet, suġġerimenti) kif ukoll kwantitattiva (data, statistika). Dawn l-attivitajiet damu għaddejjin mill-2020 sal-2025, matul ir-rieżami tal-Kodiċi ta' Kondotta tas-CRS f'Diċembru 2020 u aktar tard matul il-valutazzjoni tal-impatt ta' sostenn kemm għas-servizzi diġitali tal-mobbiltà multimodali kif ukoll għal din il-proposta. Iċ-ċittadini ntalbu jagħtu l-fehmiet tagħhom f'ħames okkażjonijiet, fiż-żewġ Valutazzjonijiet tal-Impatt tal-Bidu (IIA), f'żewġ Konsultazzjonijiet Pubbliċi Online (OPC) u fi sħarriġ tal-Ewrobarometru.

Għall-Kodiċi ta' Kondotta tas-CRS, bejn id-9 ta' Lulju 2020 u l-4 ta' Settembru 2020, saret IIA li talbet il-feedback tal-partijiet ikkonċernati interessati kollha. Din irċeviet 13-il tveġiba. Għall-proposta dwar is-servizz diġitali tal-mobbiltà multimodali, mill-5 ta' Ottubru 2021 sat-2 ta' Novembru 2021, saret IIA li talbet il-feedback tal-partijiet ikkonċernati interessati kollha. Din irċeviet 40 tveġiba. Fuq il-pjattaforma ċentralizzata tal-Kummissjoni “Semma' leħnek”, tnediet OPC għas-CRS fit-23 ta' Frar 2021, li baqgħet miftuħa sat-18 ta' Mejju 2021. Din irċeviet 23 tveġiba mingħand ċittadini u organizzazzjonijiet dwar ir-reviżjoni potenzjali tal-Kodiċi ta' Kondotta tas-CRS. Għas-servizz diġitali tal-mobbiltà multimodali, fl-1 ta' Diċembru 2021 tnediet OPC²⁷ fuq il-pjattaforma ċentralizzata tal-Kummissjoni “Semma' leħnek”, li baqgħet miftuħa sat-23 ta' Frar 2022 u rċeviet 336 tveġiba mingħand ċittadini u organizzazzjonijiet dwar il-proposta l-ġdida għas-servizz diġitali tal-mobbiltà multimodali.

²⁷ Ara https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13133-Multimodal-Digital-Mobility-%20Services/public-consultation_mt.

Matul is-sajf tal-2024 sar stħarriġ tal-Ewrobarometru²⁸ li ġie ppubblikat mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-1 ta' April 2025. Dan l-istħarriġ ġabar il-prattiki tal-prenotazzjoni u tal-biljettar u l-esperjenzi ta' kampjun rappreżentattiv tal-popolazzjoni tal-UE, minn 15-il sena 'l fuq, f'kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE. B'kollox, saru 25 805 intervista permezz ta' stħarriġ online. Dan l-istħarriġ jipprovdi tagħrif dwar id-drawwiet, il-preferenzi u l-esperjenzi tal-ivvjaġġar taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari għal vjaġġi reġjonali u fuq distanzi twal. Jeżamina aspetti ewlenin, bħal: (1) il-frekwenza tal-ivvjaġġar għad-divertiment u għax-xogħol, (2) il-fatturi li jinfluwenzaw il-pjanijiet tal-ivvjaġġar u d-deċiżjonijiet dwar il-prenotazzjonijiet, (3) l-attitudnijiet lejn l-ivvjaġġar li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, (4) l-użu ta' modi differenti tat-trasport u l-vjaġġi multimodali, (5) il-faċilità tal-prenotazzjoni ta' vjaġġi multimodali u ma' aktar minn operatur wieħed, u (6) l-ostakli għall-kombinazzjoni ta' modi jew operaturi tat-trasport differenti. Ir-riżultati jenfasizzaw b'mod partikolari l-ostakli li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini meta jfittxu għażliet ta' vjaġġar sostenibbli online, kif ukoll ir-rieda tagħhom li jipprenotaw vjaġġi bħal dawn. Jiddeskrivi d-diffikultà għaċ-ċittadini biex jipprenotaw vjaġġi multimodali u ma' aktar minn operatur wieħed, u l-piż żejjed li iċ-ċittadini jiffaċċjaw meta jipprenotaw vjaġġi ferrovjarji ma' aktar minn operatur wieħed.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta hija bbażata fuq studju ta' sostenn estern imwettaq minn konsulent.

Il-partijiet ikkonċernati pprovdew ammont sinifikanti ta' informazzjoni addizzjonali fil-kuntest tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni (stħarriġ, intervisti u workshops). Din kienet tinkludi informazzjoni dettaljata dwar l-istruttura tas-suq tat-trasport, l-istruttura tas-suq u l-prattiki kummerċjali fis-segmenti differenti tas-servizz diġitali tal-mobbiltà multimodali (B2C u B2B), li għenet biex tikkonferma l-informazzjoni disponibbli minn studji preċedenti u biex tagħti informazzjoni dwar is-suppożizzjonijiet u l-analiżi tal-immudellar.

L-informazzjoni kienet tinkludi aspetti bħal: dispożizzjonijiet tipiċi fil-ftehimiet kummerċjali offriti mill-fornituri tas-servizz ta' biljettar online tal-mobbiltà diġitali multimodali lill-operaturi, b'mod partikolari fir-rigward tat-tariffi tad-distribuzzjoni; il-prattiki tal-wiri fuq il-pjattaformi tal-fornituri tas-servizzi tal-biljettar online tal-mobbiltà diġitali multimodali; ix-xejriet fis-suq tal-biljettar online u l-evoluzzjoni tas-suq tal-biljettar B2B; l-interazzjonijiet bejn is-CRS, l-aġenti tal-ivvjaġġar u t-trasportaturi; u s-sehem u r-rwol tal-SMEs f'tipi differenti ta' servizz diġitali tal-mobbiltà multimodali.

B'mod ġenerali, is-sorsi użati għall-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt kienu diversi, eżawrjenti u rappreżentattivi għad-diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija akkumpanjata minn rapport tal-valutazzjoni tal-impatt. Abbozz ta' rapport ta' dik il-valutazzjoni tal-impatt ġie ppreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) fl-10 ta' Marzu 2026. L-RSB ħareġ opinjoni pożittiva b'riżervi fit-13 ta' April 2026. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie aġġustat kif xieraq biex jindirizza l-kummenti tal-RSB.

Il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat lista komprensiva ta' miżuri u għażliet ta' politiki possibbli, abbażi tal-effettività, tal-effiċjenza u tal-proporzjonalità probabbli tal-miżuri proposti fir-rigward tal-oġettivi partikolari, kif ukoll il-fattibbiltà legali u teknika tagħhom.

Ġew evalwati erba' għażliet ta' politika bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt, li twettqet b'mod konġunt mal-proposta dwar il-prenotazzjoni multimodali (RMB).

²⁸ Ara <https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3178?etrans=mt>.

L-għażla ta' politika 1 ipproponiet approċċ minimalista. Din kien fiha miżuri ta' politika komuni għall-erba' għażliet ta' politika kollha inklużi miżuri li jistabbilixxu rekwiżiti minimi biex jiġi żgurat trattament ġust tal-informazzjoni u d-data dwar is-Servizz Diġitali tal-Mobbiltà Multimodali (MDMS). Stabbiliet ukoll il-prinċipji ewlenin għall-ftehimiet kummerċjali kollha bejn il-fornituri indispensabbli tal-MDMS u l-operaturi tat-trasport, u bejn l-impriżi ferrovjarji indispensabbli (RUs) u l-fornituri tal-MDMS.

Din l-għażla tindirizza bis-sħiħ l-ewwel objettiv speċifiku tat-titjib tat-trasparenza u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tat-trasport fuq l-MDMS billi testendi r-regoli tal-kodiċi ta' kondotta tas-CRS għall-fornituri kollha tal-MDMS. Tistabbilixxi limiti għall-identifikazzjoni tal-fornituri tal-MDMS u tal-RUs bi preżenza sinifikanti fis-suq, li jiġu deżinjati mill-korpi nazzjonali tal-infurzar jew mill-Kummissjoni Ewropea skont is-suq li fih ikollhom preżenza sinifikanti. Il-Kummissjoni tippubblika lista ta' fornituri tal-MDMS bi preżenza sinifikanti fis-suq. Tali miżuri jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat li l-operaturi tat-trasport ikunu protetti fi ftehimiet kummerċjali mal-fornituri indispensabbli tal-MDMS, inkluż permezz ta' dispożizzjonijiet li (1) jissalvagwardjaw id-data kummerċjalment sensittiva tal-operaturi, (2) jipprojbixxu l-inklużjoni ta' kundizzjonijiet kuntrattwali mhux ġustifikati jew mhux meħtieġa li jistgħu jipprevjenu l-konklużjoni tal-ftehim, u (3) jiżguraw li r-remunerazzjoni li jirċievu l-fornituri tas-servizz ta' biljettar online tkun ibbażata fuq kriterji ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji. Skont din l-għażla ta' politika, l-Istati Membri jkunu meħtieġa jaħtru awtorità nazzjonali biex issolvi tilwim possibbli bejn il-partijiet. Barra minn hekk, jiġi stabbilit network ta' tali awtoritajiet fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat infurzar konsistenti madwar l-UE. Barra minn hekk, il-fornituri tal-MDMS ikunu meħtieġa juru informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, meta dik l-informazzjoni tiġi pprovduta mill-operatur tat-trasport, filwaqt li l-fornituri tas-servizz ta' biljettar online tal-MDMS B2C jkollhom jikkondividu data mal-awtoritajiet pubbliċi għal finijiet ta' ġestjoni tal-mobbiltà.

Sabiex tiġi żgurata li l-firxa ta' servizzi ferrovjarji offruti fuq l-MDMS tkun aktar komprensiva, din l-għażla ta' politika toffri protezzjoni skont il-proposta għal Regolament dwar il-biljettar ferrovjarju lill-fornituri tal-MDMS fil-ftehimiet kummerċjali tagħhom mal-RUs indispensabbli billi tistabbilixxi regoli dwar it-tariffi tad-distribuzzjoni u ttipprojbixxi klawżoli restrittivi fil-kuntratti (klawżoli ta' esklużività, kundizzjonijiet inġusti u mhux ġustifikati, klawżoli ta' kummerċjalizzazzjoni u restrizzjonijiet tekniċi oħra), u b'hekk tindirizza l-iżbilanċi fis-saħħa tan-negozjar matul in-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali.

L-għażliet ta' politika 2, 3 u 4 jibnu fuq l-għażla ta' politika 1 u kienu speċifiċi għall-proposta għal Regolament dwar il-biljettar ferrovjarju.

L-għażla ta' politika 2 issaħħaħ il-proposta għal Regolament dwar il-Biljettar Ferrovjarju billi timponi li l-RUs jidħlu fi ftehimiet kummerċjali ma' fornituri tas-servizzi tal-biljettar ferrovjarju online rikjedenti, dment li daww il-fornituri jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi. Il-ftehimiet kummerċjali bejn l-RUs u l-fornituri tal-MDMS ikollhom isegwu kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-RUs ma jistgħux jipprevjenu li l-biljetti tagħhom jiġu kkombinati ma' biljetti minn operaturi oħra, u b'hekk il-fornituri tas-servizz ta' biljettar online ikunu jistgħu jbigħuhom bħala biljetti uniċi. Skont din l-għażla, il-fornituri tal-MDMS ikunu jistgħu jespandu u fl-aħħar mill-aħħar jipprovdu offerta kompluta.

L-għażla ta' politika 3 tibni fuq l-għażla ta' politika 2 u tinkludi fil-proposta għal Regolament dwar il-Biljettar Ferrovjarju dispożizzjoni li l-fornituri tas-servizz ta' biljettar online tal-RUs indispensabbli għandhom jidħlu fi ftehimiet mal-RUs rikjedenti li joperaw fl-istess żona ġeografika bħall-fornituri tas-servizz ta' biljettar online tal-RUs indispensabbli, inklużi servizzi transfruntieri lejn l-Istat Membru kkonċernat u minnu. Iridu japplikaw kundizzjonijiet

kuntrattwali ġusti, nondiskriminatorji u raġonevoli. Għalhekk, l-Għażla ta' Politika 3 trawwem il-kompletezza tal-offerta kemm fuq il-pjattaformi ta' fornituri ta' servizz ta' biljettar online ta' MDMS indipendenti kif ukoll ta' RUs indispensabbli, sabiex b'hekk tipprowdi lill-vjaġġaturi għażla wiesgħa fuq il-pjattaformi kollha tal-fornituri tas-servizz ta' biljettar online, inklużi dawk li jużaw l-aktar.

Fl-aħħar nett, l-għażla ta' politika 4 tipprowdi alternattiva għall-proposta għal Regolament dwar il-Biljettar Ferrovjarju billi timponi s-separazzjoni tal-fornituri tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri minn dawk tas-servizz ta' biljettar online (jiġifieri l-iżvestiment tal-fornituri tas-servizz ta' biljettar online tal-RUs), sabiex jitneħħa l-inċentiv tagħhom li jiddiskriminaw kontra l-kompetituri tagħhom.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tibni fuq il-fatt li l-Istati Membri diġà jiġbru ċerta data fil-qafas tal-Iskema ta' Monitoraġġ tas-Suq Ferrovjarju li se tintuża għall-valutazzjoni tal-ishma tas-suq tal-impriżi ferrovjarji għal kull Stat Membru. Barra minn hekk, il-proposta tibni fuq il-fatt li l-Istati Membri diġà stabbilew korpi regolatorji ferrovjarji bħala awtoritajiet tal-infurzar għas-suq ferrovjarju nazzjonali, inkluż mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni transfruntieri. Din il-proposta ma fiha l-ebda obbligu għall-SMEs.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex effett fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. It-trattament tad-data personali, kemm mill-fornituri tas-servizz ta' biljettar online kif ukoll mill-impriżi ferrovjarji jew mill-organizzaturi tas-servizzi ferrovjarji, irid jikkonforma mal-qafas legali Ewropew eżistenti, b'mod partikolari l-GDPR.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Se jkun meħtieġa żewġ ekwivalenti ta' ingaġġ full-time (FTE) biex jappoġġaw il-proċess ta' deżinjazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea introdott minn din il-proposta, jissimplifikaw il-koordinazzjoni mal-korpi nazzjonali tal-infurzar, u jżommu lista akkurata u aġġornata tal-RUs bi preżenza sinifikanti fis-suq, biex jiżguraw trasparenza fis-suq u infurzar effettiv.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi permezz ta' numru ta' azzjonijiet u sett ta' indikaturi ewlenin li se jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tal-oġġettivi. Barra minn hekk, il-korpi nazzjonali tal-infurzar se jkollhom rwol ewleni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni. Sa mhux aktar tard minn 5 snin wara li tibda l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet, il-Kummissjoni qed tippjana li twettaq evalwazzjoni biex tivverifika sa liema punt ikunu ntaħqu l-oġġettivi ta' dawn l-inizjattivi. L-evalwazzjoni għandha ssir fi żmien meta tkun disponibbli biżżejjed data dwar l-implimentazzjoni attwali. B'dak il-mod, jista' jiġi vvalutat *ex post* jekk l-inizjattivi humiex effiċjenti, effettivi, koerenti u rilevanti u jekk għandhomx valur miżjud tal-UE. Dik l-analiżi se tinkludi sinerġiji mar-Regolament dwar il-prenotazzjoni multimodali u r-reviżjoni mmirata tar-Regolament dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri tal-Ferroviji.

Aktar dettall dwar il-monitoraġġ huwa pprovdut fil-Kapitolu 9 tal-SWD li jakkumpanja din il-proposta.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jiddefinixxi s-suġġett tar-Regolament;

L-Artikolu 2 jispjega l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament;

L-Artikolu 3 jippreżenta sensiela ta' definizzjonijiet;

L-Artikolu 4 jistabbilixxi obbligu li jiġi pprovdut kontenut lill-fornituri tas-servizzi tal-biljettar online;

L-Artikolu 5 jistabbilixxi obbligu għall-fornituri ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli biex jospitaw prodotti ferrovjarji;

L-Artikolu 6 jistabbilixxi regoli dwar kundizzjonijiet kuntrattwali ġusti u nondiskriminatorji;

L-Artikolu 7 jiddeskrivi l-proċess għall-identifikazzjoni tal-impriżi ferrovjarji bi preżenza sinifikanti fis-suq;

L-Artikolu 8 jistabbilixxi regoli dwar il-perjodi ta' prenotazzjoni;

L-Artikolu 9 jidentifika l-korpi nazzjonali kompetenti tal-infurzar;

L-Artikolu 10 jagħti dettalji dwar il-kompiti u l-kompetenzi tal-korpi nazzjonali tal-infurzar;

L-Artikolu 11 jagħti d-dettalji tar-regoli dwar l-ilmenti;

L-Artikolu 12 jistabbilixxi regoli dwar il-penali għal ksur ta' dan ir-Regolament;

L-Artikolu 13 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-delega;

L-Artikolu 14 jistabbilixxi l-obbligi ta' rapportar;

L-Artikolu 15 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-biljettar ferrovjarju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), il-punt (d) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew²⁹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni³⁰,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Peress li t-trasport bil-ferrovija huwa fil-biċċa l-kbira elettrifikat u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, l-użu akbar tas-servizzi ferrovjarji jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport u l-konsum tal-enerġija. Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni ta' mobbiltà sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti, it-trasport bil-ferrovija jenħtieġ li jsir aktar attraenti b'mod partikolari fir-rigward tal-affordabbiltà u l-affidabbiltà, u ta' servizzi li jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tal-vjaġġaturi.
- (2) Sistema effiċjenti ta' biljettar online hija essenzjali għall-funzjonament tas-suq tal-passiġġieri tal-ferroviji. Diversi każijiet ta' kompetizzjoni fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali jindikaw li s-suq tal-biljettar ferrovjarju online ma huwiex qed jiffunzjona bl-aħjar mod. Id-disponibbiltà skarsa ta' biljetti maħruġa minn kumpaniji ġodda fis-suq fuq il-mezzi tal-bejgħ online stabbiliti sew ta' impriżi ferrovjarji eżistenti tagħmilha diffiċli għall-passiġġieri biex isibu ħarsa ġenerali sħiħa tas-servizzi ferrovjarji disponibbli. Bl-istess mod, id-disponibbiltà mhux kompluta tal-prodotti ferrovjarji ta' impriżi ferrovjarji eżistenti offruti minn fornituri indipendenti tas-servizz ta' biljettar online, tagħmilhom mezz ta' xiri inqas attraenti għall-konsumaturi.
- (3) Il-frammentazzjoni tal-informazzjoni dwar l-iskedi ferrovjarji u l-biljettar madwar l-Unjoni tikkostitwixxi ostaklu għall-funzjonament effettiv tas-suq intern għas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri. Aċċess faċli għall-prodotti ferrovjarji kollha, li jibda mill-informazzjoni dwar alternattivi mħaddma minn impriżi ferrovjarji kompetituri, huwa kruċjali biex is-sistema ferrovjarja ssir aċċessibbli, attraenti u affordabbli għall-konsumaturi. Il-passiġġieri jenħtieġ li jkunu jistgħu jsibu, iqabblu, jikkombinaw u jixtru biljetti għal vjaġġi ferrovjarji fuq mezz wieħed tal-biljettar tal-għażla tagħhom, u

²⁹ ĠU C , , p. .

³⁰ ĠU C , , p. .

b'hekk jiffrankaw il-ħin u l-isforz biex isibu l-aħjar offerta għal dak li jkunu jeħtieġu. Jenħtieġ li l-fornituri tas-servizz ta' biljettar online u l-impriża ferrovjarji jkunu jistgħu joffru lill-klijenti servizzi dejjem aktar integrati u kompetittivi, inklużi biljetti uniċi li jikkombinaw is-servizzi ta' operaturi differenti, sabiex il-passiġġieri jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tas-sistema ferrovjarja Ewropea.

- (4) L-impriża ferrovjarji jistgħu ma jkunux interessati li jiddistribwixxu l-biljetti għall-prodotti tagħhom permezz ta' fornituri tas-servizz ta' biljettar online li ma jkunux taħt il-kontroll tagħhom jew fejn ikunu preżenti wkoll il-kompetituri. Dan jista' jċaħħad lill-klijenti mill-possibbiltà li jkollhom aċċess għal offerta ta' biljett uniku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizz ta' biljettar online ikunu jistgħu jbigħu u jikkombinaw prodotti ferrovjarji offriti mill-fornituri ta' servizzi ferrovjarji u jkollhom id-dritt li jidħlu fi ftehimiet kummerċjali mal-fornituri ta' servizzi ferrovjarji għall-wiri, ir-rikollegament, il-bejgħ mill-ġdid u d-distribuzzjoni tal-prodotti ferrovjarji tagħhom.
- (5) Jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti regolatorji speċifiċi biex jiġu evitati distorsjonijiet possibbli tas-suq ikkawżati minn parteċipazzjoni azzjonarja jew minn rabtiet ta' kontroll bejn il-fornituri tas-servizz ta' biljettar online u l-impriża ferrovjarji bi preżenza sinifikanti fis-suq tas-servizzi ferrovjarji. Jenħtieġ li jiġi preżunt li teżisti preżenza sinifikanti fis-suq meta impriża ferrovjarja jkollha sehem mis-suq ta' 50 % jew aktar, kif sostnut mill-ġurisprudenza rilevanti u mill-prattika tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni³¹.
- (6) Il-fornituri tas-servizz ta' biljettar online li huma proprjetà ta' impriża ferrovjarja bi preżenza sinifikanti fis-suq fi Stat Membru jew ikkontrollati minnha wirtu pożizzjonijiet kważi monopolistiċi fis-suq tal-biljettar ferrovjarju u huma r-referenza standard għall-passiġġieri tal-ferroviji. Anki wara d-dħul fis-suq ta' fornituri tas-servizz ta' biljettar online jew ta' impriża ferrovjarji indipendenti, il-bażi tal-klijenti tagħhom tibqa' bil-bosta l-akbar, minħabba r-rikonoxximent tal-marka, id-drawwiet persistenti tax-xiri, u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw fornituri alternattivi tas-servizz ta' biljettar online biex jiksbu l-fiduċja tal-passiġġieri. Minħabba s-sehem kbir tagħhom fis-suq, il-fornituri tas-servizz ta' biljettar online li huma proprjetà ta' impriża ferrovjarja bi preżenza sinifikanti fis-suq fi Stat Membru, jew li huma kkontrollati minnha, huma fornituri ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli għal kwalunkwe impriża ferrovjarja li toffri servizzi tat-trasport fis-suq nazzjonali rispettiv, iżda spiss ma jkunux iridu jospitaw il-prodotti ferrovjarji ta' fornituri ta' servizzi ferrovjarji li jikkompetu mal-impriża ferrovjarja integrata vertikalment tagħhom. Dan jipprevjeni lill-klijenti ta' daww il-fornituri ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli milli jkollhom aċċess għal offerta sħiħa ta' biljettar. Sabiex tiġi żgurata għażla usa' għall-konsumaturi u jiġi evitat li jiġu ppenalizzati impriża ferrovjarji oħra, tali fornituri ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli jenħtieġ li joffru s-servizzi tagħhom b'termini nondiskriminatorji lil kwalunkwe parti rikjedenti u dejjem jipprovdu l-informazzjoni dwar l-iskeda tas-servizzi offriti minn impriża ferrovjarji kompetituri. Għaldaqstant, l-impriża ferrovjarji attivi f'daww is-swieq nazzjonali jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jidħlu fi ftehimiet kummerċjali ma' daww il-

³¹ Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, 85/76, EU:C:1979:36, il-punt 41 u tat-3 ta' Lulju 1991, Akzo vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, il-punt 60; u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1991, Hilti vs Il-Kummissjoni, T-30/89, EU:T:1991:70.

fornituri għar-rikollegament, il-bejgħ mill-ġdid u d-distribuzzjoni ta' prodotti ferrovjarji.

- (7) Filwaqt li l-ftehimiet kummerċjali huma l-bażi biex jiġu stabbiliti l-obbligi u l-benefiċċji rispettivi, il-proċessi tas-suq jistgħu ma jkunux kapaċi jiżguraw eżiti ekonomiċi ġusti fir-rigward tas-suq tal-biljettar ferrovjarju. Għalkemm l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għall-imġiba tal-fornituri tas-servizz ta' biljettar online, il-kamp ta' applikazzjoni ta' daww id-dispożizzjonijiet huwa limitat għal ċerti każijiet ta' saħħa tas-suq, pereżempju d-dominanza fi swieq speċifiċi u ta' mġiba antikompetittiva, u l-infurzar iseħħ *ex post* u jirrikjedi investigazzjoni estensiva ta' fatti li spiss ikunu kumplessi ħafna fuq bażi ta' każ b'każ. Barra minn hekk, id-dritt eżistenti tal-Unjoni ma jindirizzax, jew ma jindirizzax b'mod effettiv, l-isfidi għall-funzjonament effettiv tas-suq intern ikkawżati mill-imġiba ta' fornituri tas-servizz ta' biljettar online li mhux neċessarjament ikunu dominanti f'termini tad-dritt tal-kompetizzjoni.
- (8) Sabiex jiġi żgurat li l-fornituri tas-servizz ta' biljettar online u l-impriżi ferrovjarji ma jiffaċċjawx obbligi irraġonevoli, jenħtieġ li l-partijiet għal daww id-dispożizzjonijiet ikunu meħtieġa jaċċettaw kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji. B'mod partikolari, ir-remunerazzjoni ta' fornituri tas-servizz ta' biljettar online ta' partijiet terzi minn impriżi ferrovjarji u l-ipprezzar minn fornituri tas-servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli jenħtieġ li jitqiesu inġusti jekk jagħtu vantaġġ lil daww id-dispożizzjonijiet jew impriżi ferrovjarji li jkun sproporzjonat għall-kost tas-servizz ipprovdut lill-impriżi ferrovjarji. Il-parametri referenzjarji li ġejjin jistgħu jservu bħala kejl biex tiġi ddeterminata l-ekwità tal-ipprezzar u kundizzjonijiet ġenerali oħra: il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti għall-istess servizzi jew għal servizzi simili minn fornituri oħra; il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti mill-fornitur għal servizzi varji relatati jew simili jew lil tipi differenti ta' utenti; il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti mill-fornitur għall-istess servizz f'reġjuni ġeografiċi differenti; il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti mill-fornitur għall-istess servizz li jipprovdi lill-impriża ferrovjarja integrata vertikalment miegħu.
- (9) Sabiex il-ferrovija tiġi promossa bħala alternattiva attraenti għal għażliet ta' vjaġġar inqas sostenibbli, jenħtieġ li l-biljetti għas-servizzi ferrovjarji jkunu disponibbli mill-impriża ferrovjarja biżżejjed minn qabel biex il-passiġġieri jkunu jistgħu jipplanaw vjaġġi b'mod effettiv u l-fornituri tal-biljettar online u fornituri ta' servizzi ferrovjarji oħrajn jkunu jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom bħal biljetti uniċi, b'mod partikolari meta jikkordinaw il-konnessjonijiet bejn diversi operaturi. Ir-[Regolament il-ġdid dwar l-użu tal-kapaċità tal-infrastruttura] jirrikjedi li l-maniġers tal-infrastruttura jippubblikaw l-iskeda operatorja 5,25 xhur qabel ma jibda l-perjodu tal-iskeda operatorja. Għaldaqstant, malli s-servizzi jkunu ġew allokati l-kapaċità tal-infrastruttura fl-iskeda operatorja, il-biljetti relatati jenħtieġ li jsiru disponibbli u jenħtieġ li l-impriżi ferrovjarji u l-fornituri tas-servizzi tal-biljettar ikunu jistgħu jbigħu biljetti għas-servizzi ferrovjarji relatati mill-inqas 5 xhur qabel.
- (10) Sabiex jipprovdu lill-klijenti b'ħarsa ġenerali sħiħa lejn il-konnessjonijiet ferrovjarji disponibbli u jiżguraw l-istess viżibbiltà lill-fornituri kollha tas-servizzi, il-fornituri ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli, irrispettivament minn jekk jirċevux kwalunkwe talba mill-fornituri tas-servizzi ferrovjarji, jenħtieġ li juru fuq is-sit web tagħhom l-offerta sħiħa tat-trasport ferrovjarju tal-fornituri kollha tas-servizzi, u jinkluduhom fir-riżultati tat-tiftix li jsir mill-klijenti. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jużaw l-informazzjoni disponibbli permezz tal-punti ta' aċċess nazzjonali, stabbiliti

skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926³² u d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³, li jikkostitwixxu punt uniku ta' aċċess għall-utenti tad-data għad-data statika, storika, osservata u dinamika dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku ta' modi differenti ta' trasport, u li huma essenzjali biex jiġu appoġġati l-kompetizzjoni ġusta u l-għażliet tal-konsumatur.

- (11) F'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/253³⁵ stabbilixxa speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà (TSI) relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-passiġġieri u tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni. Dan jistabbilixxi rekwiżiti komuni, speċifiċi u ta' interfaċċja għall-kondiviżjoni tad-data fit-trasport ferrovjarju, inklużi obbligi dwar il-kondiviżjoni tad-data u r-rikollegament. Dan jinkludi l-iskedi, il-ħinijiet tal-konnessjonijiet, l-aċċessibbiltà tal-istazzjon, it-tariffi, il-kundizzjoni tat-trasport, kif ukoll data dwar it-traffiku ferrovjarju f'ħin reali u previst. Għall-ferroviji, daww is-settijiet tad-data jeħtieġ li jkunu komprensivi, aġġornati regolarment mill-impriżi ferrovjarji u aċċessibbli tal-anqas permezz ta' punti ta' aċċess nazzjonali u jistgħu jintużaw ukoll għal finijiet ta' distribuzzjoni. Meta d-data tibqa' mhux kompluta u frammentata, isir ikkumplikat li jinħolqu biljetti uniċi, b'mod partikolari għal vjaġġi bejn il-fruntieri. Punt ta' dħul uniku għall-konsultazzjoni tad-data tas-27 punt ta' aċċess nazzjonali kollha, jissimplifika l-aċċess għad-data rilevanti fl-UE kollha u jippromwovi l-forniment ta' servizzi ferrovjarji trans-Ewropej.
- (12) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi rekwiżiti dettaljati għall-interpretazzjoni armonizzata ta' kundizzjonijiet kuntrattwali ġusti u nondiskriminatorji bejn il-fornituri tas-servizzi ferrovjarji u l-fornituri tas-servizz ta' biljettar online. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata wkoll setgħat ta' implimentazzjoni biex din tkun tista' tiddeżinja impriżi ferrovjarji li jkollhom preżenza sinifikanti fis-suq u tneħħihom mil-lista. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶.
- (13) Peress li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, li jinkludu l-promozzjoni tal-offerta ta' vvjaġġar transfruntier bil-ferrovija bħala mod sostenibbli ta' mobbiltà u l-ħtieġa

³² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926 tal-31 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha (ĠU L 272, 21.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/1926/oj).

³³ Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport, ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2010/40/oj>).

³⁴ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/797/oj>).

³⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/253 tas-6 ta' Frar 2026 dwar speċifikazzjoni teknika relatata mas-subsistema telematika tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea għall-interoperabbiltà tal-kondiviżjoni tad-data fit-trasport ferrovjarju ("TSI TEL") u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 454/2011 ("TSI TAP") u (UE) Nru 1305/2014 ("TSI TAF")

(ĠU L 2026/253, 10.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/253/oj).

³⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

sussegwenti ta' regoli li japplikaw b'mod uniformi għall-biljetti transfruntieri, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minflok, minħabba l-aspetti transfruntieri tas-servizz ta' biljettar online, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu daww l-oġettivi.

- (14) Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷ jistabbilixxi regoli orizzontali kompletament armonizzati dwar il-forniment ta' servizzi intermedjarji, inklużi pjattaformi online u magni tat-tiftix online, fl-Unjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament la jemenda l-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament u lanqas ma jibdlu b'xi mod.
- (15) Sa fejn huwa meħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ferrovjarji, il-fornituri tas-servizz ta' biljettar online u l-fornituri ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli jiskambjaw data personali biex jipprovdu l-wiri, ir-rikollegament, il-bejgħ mill-ġdid jew id-distribuzzjoni ta' prodotti ferrovjarji, jenħtieġ li tali skambju jkun konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸. Meta daww il-partijiet jaqblu li jimplimentaw miżuri speċifiċi taċ-ċibersigurtà bħala parti mill-kundizzjonijiet kuntrattwali, tali miżuri jenħtieġ li jiżguraw ukoll livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju għall-protezzjoni tad-data personali.
- (16) L-obbligi imposti fuq il-fornituri tas-servizzi ferrovjarji u fuq ċerti fornituri tas-servizzi tal-biljettar ferrovjarju online skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE u għall-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar il-kompetizzjoni. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jipproteġi interess legali differenti minn dak protett mir-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi ferrovjarji u ta' ċerti fornituri tas-servizzi tal-biljettar ferrovjarju online rigward il-provvista ta' informazzjoni dwar is-servizz ferrovjarju u l-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali għall-wiri, ir-rikollegament, il-bejgħ mill-ġdid jew id-distribuzzjoni ta' prodotti ferrovjarji.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

³⁷ Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj>).

³⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

1. Dan ir-Regolament japplika:
 - (a) għall-fornituri ta' servizzi ferrovjarji;
 - (b) għall-fornituri tas-servizz ta' biljettar online.Dan japplika għas-servizzi ferrovjarji mħaddma parzjalment jew kompletament fl-Unjoni.
2. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XX [RMB]³⁹ u atti legali oħra tal-Unjoni li jirregolaw aspetti oħra tal-forniment ta' servizzi tas-soċjetà tal-informatika.
3. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għall-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar il-kompetizzjoni.
4. Dan ir-Regolament ma japplikax:
 - (a) għas-servizzi tal-metro u tat-tramm;
 - (b) għas-servizzi ferrovjarji mħaddma għal raġunijiet strettament storiċi jew għal użu turistiku li normalment ma jaqdux il-ħtiġijiet tat-trasport normali;
 - (c) għas-servizzi ferrovjarji fuq networks indipendenti maħsuba biss għat-tħaddim ta' servizzi ferrovjarji urbani jew suburbani;
 - (d) għall-magni tat-tiftix online, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (5) tar-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “impriża ferrovjarja” tfisser impriża ferrovjarja kif definita fl-Artikolu 3 il-punt (1) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰;
- (2) “biljett” tfisser biljett kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (7) tar-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹;
- (3) “servizz tal-biljettar online” tfisser servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jikkonsisti, minbarra fil-wiri, fir-rikollegament, fil-bejgħ mill-ġdid jew fid-distribuzzjoni ta' prodotti ferrovjarji, f'relazzjoni min-negozju għall-konsumatur (B2C) jew minn negozju għal negozju (B2B);
- (4) “fornitur ta' servizzi ferrovjarji” tfisser impriża ferrovjarja, awtorità kompetenti responsabbli għal kuntratt ferrovjarju ta' servizz pubbliku jew kwalunkwe entità ġuridika oħra li tħaddem jew torganizza servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri;

³⁹ Ir-Regolament (UE) XX dwar il-prenotazzjoni multimodali.

⁴⁰ Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2012/34/oj>).

⁴¹ Ir-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/782/oj>).

- (5) “rikollegament” tfisser ir-ridirezzjoni ta’ utent finali għas-servizz ta’ biljettar online rilevanti fejn tista’ tiġi vverifikata d-disponibbiltà ta’ prodott ferrovjarju wieħed jew aktar muri u fejn jistgħu jinxtraw il-prodotti ferrovjarji magħżula mill-utent finali;
- (6) “bejgħ mill-ġdid” tfisser servizz, assoċjat ma’ prodott ferrovjarju wieħed jew aktar, ipprovdut minn bejjiegħ bl-imnut kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (42) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2026/253;
- (7) “distribuzzjoni” tfisser servizz, assoċjat ma’ prodott ferrovjarju wieħed jew aktar, ipprovdut minn distributur kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (38) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2026/253;
- (8) “ftehim kummerċjali” tfisser ftehim bil-miktub bejn fornitur ta’ servizzi ferrovjarji u fornitur tas-servizz ta’ biljettar online fuq il-wiri, ir-rikollegament, il-bejgħ mill-ġdid jew id-distribuzzjoni ta’ prodotti ferrovjarji;
- (9) “ratio tiftix-prenotazzjoni” tfisser ir-ratio bejn l-għadd ta’ talbiet relatati mal-bejgħ ta’ biljetti (“tiftix”) magħmula lil servizz ta’ biljettar online ta’ fornitur ta’ servizzi ferrovjarji u l-għadd ta’ bejgħ effettiv (“prenotazzjoni”) li jsir matul perjodu ta’ żmien partikolari;
- (10) “prodott ferrovjarju” tfisser prodott ferrovjarju kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (4) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2026/253;
- (11) “riżervazzjoni” tfisser riżervazzjoni kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (8), tar-Regolament (UE) 2021/782;
- (12) “integrata vertikament” tfisser l-integrazzjoni organizzazzjonali, finanzjarja u amministrattiva tal-entitajiet ikkonċernati f’kundizzjonijiet li jippermettu lil waħda minnhom tikkontrolla lill-oħra direttament jew indirettament skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁴²;
- (13) “biljett uniku” tfisser biljett uniku kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (9a), tar-Regolament (UE) 2021/782;
- (14) “kontenut” tfisser il-prodotti ferrovjarji kollha, kif ukoll skontijiet u funzjonalitajiet assoċjati, inkluża data f’ħin reali, li huma relatati mas-servizzi tal-passiġġieri tal-ferroviji ta’ fornitur ta’ servizzi ferrovjarji u li jintwerew fuq l-interfaċċa online tal-fornitur ta’ servizzi ferrovjarji stess jew fuq kwalunkwe mezz diġitali ieħor bi qbil mal-fornitur ta’ servizzi ferrovjarji;
- (15) “interfaċċa online” tfisser interfaċċa online kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2022/2065.

Artikolu 4

Obbligu li jiġi pprovdut kontenut lill-fornituri tas-servizzi tal-biljettar online (obbligu ta’ kondivizzjoni)

1. Fornitur ta’ servizzi ferrovjarji għandu jikkonkludi ftehim kummerċjali ma’ fornitur tas-servizz ta’ biljettar online rikjedenti sabiex jipprovdut kontenut għall-wiri, ir-rikollegament, il-bejgħ mill-ġdid jew id-distribuzzjoni tal-prodotti ferrovjarji tiegħu.

⁴² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta’ Jannar 2004 dwar il-kontroll ta’ konċentrazzjonijiet bejn l-imprezi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/139/oj>).

Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux ikopri biljetti li jippermettu lid-detenturi tagħhom jivvjaġġaw b'diversi modi ta' trasport, sakemm il-biljetti għas-servizz ferrovjarju rilevanti jsiru disponibbli u jkunu jistgħu jinxtraw bħala prodott ferrovjarju awtonomu.

Fornitur ta' servizzi ferrovjarji għandu jidħol f'negozjati għall-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu fi żmien xahrejn minn meta jirċievi t-talba tal-fornitur tas-servizzi tal-biljettar online. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn il-partijiet, il-ftehim għandu jiġi konkluż fi żmien 8 xhur minn meta tasal it-talba.

2. Soġġett għal kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikolu 11(5), il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika meta l-fornitur tas-servizz ta' biljettar online rikjedenti jirrifjuta li jikkonforma mal-kundizzjonijiet meħtieġa mill-fornitur ta' servizzi ferrovjarji skont l-Artikolu 6(2).

Artikolu 5

Obbligu għal fornituri tas-servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli biex jospitaw prodotti ferrovjarji (obbligu ta' hosting)

1. Fornitur tas-servizz ta' biljettar online għandu jitqies bħala "fornitur ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli" jekk ikun integrat vertikalment ma' impriża ferrovjarja li tkun deżinjata skont l-Artikolu 7 bħala li għandha preżenza sinifikanti fis-suq fi kwalunkwe Stat Membru partikolari.
2. Fornitur ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli għandu jikkonkludi ftehim kummerċjali ma' fornitur ta' servizzi ferrovjarji rikjedenti bil-għan li juri, jirrikollega, ibiġh mill-ġdid jew jiddistribwixxi l-prodotti ferrovjarji ta' dak il-fornitur għal servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri li jitħaddmu, jew li għandhom l-oriġini jew id-destinazzjoni tagħhom, fl-Istat Membru li fih l-impriża ferrovjarja li tkun integrata vertikalment mal-fornitur tas-servizz ta' biljettar online jkollha preżenza sinifikanti fis-suq ferrovjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 7.

Fornitur ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli għandu jidħol f'negozjati għall-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu fi żmien xahrejn minn meta jirċievi t-talba tal-fornitur ta' servizzi ferrovjarji. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn il-partijiet, il-ftehim għandu jiġi konkluż fi żmien 8 xhur minn meta tasal it-talba.

3. Soġġett għal kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikolu 11(5), il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika meta l-fornitur tas-servizz ferrovjarju rikjedenti jirrifjuta li jikkonforma mal-kundizzjonijiet meħtieġa mill-fornitur ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli f'konformità mal-Artikolu 6(4).
4. Indipendentement minn kwalunkwe talba, u mhux aktar tard minn [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], servizz tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli għandu juri u jinkludi fir-riżultati tat-tiftix rilevanti, is-servizzi ferrovjarji kollha disponibbli li jitħaddmu jew li għandhom l-oriġini jew id-destinazzjoni tagħhom, fl-Istat Membru li fih l-impriża ferrovjarja li tkun integrata vertikalment mal-fornitur tas-servizz ta' biljettar online ikollha preżenza sinifikanti fis-suq ferrovjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament. L-iskeda tas-servizzi disponibbli għandha tiġi pprovduta abbażi tal-informazzjoni disponibbli permezz tal-punti ta' aċċess nazzjonali stabbiliti bir-Regolament Delegat (UE) 2017/1926.

Kundizzjonijiet ġusti u nondiskriminatorji

1. Il-fornituri ta' servizzi ferrovjarji li jidħlu fi ftehimiet kummerċjali skont l-Artikolu 4(1):
 - (a) ma għandhom iżidu l-ebda kundizzjoni inġusta mal-ftehim kummerċjali u lanqas ma għandhom jirrikjedu l-aċċettazzjoni ta' kwalunkwe kundizzjoni supplimentari li ma tkunx meħtieġa għall-wiri, ir-rikollegament, il-bejgħ mill-ġdid, jew id-distribuzzjoni tal-prodotti ferrovjarji tagħhom;
 - (b) għandhom jagħmlu, fuq talba, il-kontenut kollu relatat mal-prodotti ferrovjarji tagħhom disponibbli għall-fornitur tas-servizz ta' biljettar online, inklużi dawk soġġetti għad-disponibbiltà u għar-riżervazzjoni jew għal prezzijiet ta' rendiment skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (45), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/253;
 - (c) għandhom jipprovdu, fuq talba, lill-fornitur tas-servizz ta' biljettar online id-data kollha f'ħin reali għas-servizzi tal-passiġġieri tal-ferrovija relatati li dawk il-fornituri ta' servizzi ferrovjarji jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi permezz ta' kwalunkwe interfaċċja online, mezz ta' biljettar diġitali jew mezz ta' komunikazzjoni tagħhom stess;
 - (d) għandhom jiżguraw li d-data kollha, inkluż il-kontenut, ipprovduta fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-ftehim kummerċjali tkun akkurata, kompluta u aġġornata;
 - (e) għandhom jippermettu lill-fornitur tas-servizz ta' biljettar online jikkombina kwalunkwe prodott ferrovjarju, inklużi dawk ta' forniture ta' servizzi ferrovjarji differenti, dment li jiġu applikati ħinijiet minimi ta' konnessjoni stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/253;
 - (f) għandhom jippermettu lill-fornitur tas-servizzi tal-biljettar online, meta jikkombina l-prodotti ferrovjarji, ibiġġi dak il-kombinament bħala biljett uniku;
 - (g) għandhom jiżguraw, meta jkun hemm qbil li għandha tiġi applikata remunerazzjoni, li tali remunerazzjoni tkun ġusta, raġonevoli u nondiskriminatorja;
 - (h) għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti dwar ir-ratios tiftix-prenotazzjoni jkunu ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji, u b'mod partikolari li, fejn rilevanti, dawk ir-rekwiżiti jkunu tal-anqas l-istess bħal dawk miftiehma mal-fornitur tas-servizz ta' biljettar online integrat vertikament tagħhom stess;
 - (i) ma għandhom iwettqu l-ebda aġir li jimmina l-konformità effettiva mal-obbligi stabbiliti fil-punti (a) sa (h) irrispettivament minn jekk dik l-imġiba tkunx ta' natura kuntrattwali, kummerċjali jew teknika, jew ta' kwalunkwe natura oħra.
2. Il-fornituri ta' servizzi ferrovjarji jistgħu jirrikjedu li l-fornituri tas-servizz ta' biljettar online li jidħlu fi ftehimiet kummerċjali skont l-Artikolu 4(1) jaċċettaw kundizzjonijiet raġonevoli, inklużi dawn li ġejjin:
 - (a) li jittrażmettu data relatata ma' mistoqsijiet u tranżazzjonijiet li jsejtnu fuq is-servizz tal-biljettar online;

- (b) li jikkonformaw mal-kapaċitajiet tekniċi minimi f'konformità mal-Artikoli 4, 6, 7, 9, 10, 11, 13, 14, 15 u 18 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/253 u l-Anness tiegħu;
- (c) li juru l-istabbiltà finanzjarja u s-solvenza tagħhom, inkluża l-konformità mar-regolamenti kontabilistiċi applikabbli, u li juru li għandhom riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex jissodisfaw l-obbligi skont il-ftehim kummerċjali;
- (d) li jipprovdut pjanijiet ta' kontinwità tal-operat;
- (e) li jimplimentaw u jżommu miżuri taċ-ċibersigurtà għall-protezzjoni kontra aċċess mhux awtorizzat, ksur tad-data u theddid ċibernetiku ieħor;
- (f) li jagħtu garanziji li ma jintweriex kontenut ta' reklamar dannuż jew indeċenti maġenb il-prodotti ferrovjarji tagħhom;
- (g) li jkunu puntwali fl-iskambju tad-data u tal-pagamenti.

Il-kostijiet raġonevoli ta' darba mġarrba għall-konnessjoni mas-sistemi operazzjonali rispettivi tal-fornitur ta' servizzi ferrovjarji għandhom jitħallsu mis-servizz ta' biljettar online rikjedenti.

3. Fornitur ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli li jidħol fi ftehim kummerċjali skont l-Artikolu 5:

- (a) ma għandu jżid l-ebda kundizzjoni inġusta mal-ftehim kummerċjali u lanqas ma għandu jeħtieġ l-aċċettazzjoni ta' xi kundizzjoni supplimentari li ma tkunx meħtieġa għall-wiri, ir-rikollegament, il-bejgħ mill-ġdid, jew id-distribuzzjoni tal-prodotti ferrovjarji;
- (b) għandu jiżgura li d-data kollha, inkluż il-kontenut, ipprovduta fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-ftehim kummerċjali tkun akkurata, kompluta u aġġornata;
- (c) għandu jiżgura, meta jkun hemm qbil li għandha tiġi applikata remunerazzjoni, li tali remunerazzjoni tkun ġusta, raġonevoli u nondiskriminatorja;
- (d) għandu jaqbel dwar rekwiżiti ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji dwar ir-ratios tiftix-prenotazzjoni;
- (e) fejn rilevanti, għandu jiżgura l-protezzjoni u t-trattament xieraq ta' dawn li ġejjin:
 - (i) id-data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679;
 - (ii) data kummerċjali sensittiva;
- (f) ma għandux jinvolvu ruħu f'xi mgħiba li ddgħajjef il-konformità effettiva mal-obbligi stabbiliti fil-punti (a) sa (e) irrispettivament minn jekk dik l-imgħiba tkunx ta' natura kuntrattwali, kummerċjali jew teknika, jew ta' kwalunkwe natura oħra.

4. Il-fornituri ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli jistgħu jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi ferrovjarji li jidħlu fi ftehimiet kummerċjali skont l-Artikolu 5 jaċċettaw kundizzjonijiet operazzjonali u tekniċi raġonevoli, inklużi dawn li ġejjin:

- (a) li jikkonformaw mal-kapaċitajiet tekniċi minimi f'konformità mal-Artikoli 7, 10, 11 u 14, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/253 u l-Anness tiegħu;
- (b) li jimplimentaw u jżommu miżuri taċ-ċibersigurtà għall-protezzjoni kontra aċċess mhux awtorizzat, ksur tad-data u theddid ċibernetiku ieħor;

- (c) fejn rilevanti, li jiżguraw il-protezzjoni u t-trattament xieraq ta' dawn li ġejjin:
 - (i) id-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679;
 - (ii) data kummerċjali sensittiva;
 - (d) li jkunu puntwali fl-iskambju tad-data u tal-pagamenti.
5. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dispożizzjonijiet dettaljati għall-interpretazzjoni armonizzata ta' kundizzjonijiet ġusti u nondiskriminatorji fi ftehimiet kummerċjali bejn il-fornituri ta' servizzi ferrovjarji u l-fornituri tas-servizz ta' biljettar online konklużi skont l-Artikoli 4 u 5. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 13(2).

Artikolu 7

Impriżi ferrovjarji bi preżenza sinifikanti fis-suq

1. Impriża ferrovjarja għandha tiġi ddeżinjata bħala li għandha preżenza sinifikanti fis-suq ferrovjarju fi Stat Membru partikolari meta ttipprovdi 50 fil-mija jew aktar tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri f'dak l-Istat Membru, espressi f'passiġġieri-kilometri.
2. Il-preżenza fis-suq imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi ddeterminata abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100⁴³.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tiddeżinja impriża ferrovjarja bħala li għandha preżenza sinifikanti fis-suq ferrovjarju skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi d-data msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 13(2). Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tippubblika u żżomm aġġornata lista ta' impriżi ferrovjarji li jkollhom preżenza sinifikanti fis-suq ferrovjarju fuq sit web iddedikat.
4. Jekk iċ-ċirkostanzi li wasslu għad-deżinjazzjoni ta' impriża ferrovjarja jkunu nbidlu b'tali mod li l-impriża ferrovjarja kellha sehem mis-suq tal-passiġġieri tal-ferrovija ta' inqas minn 50 fil-mija fl-Istat Membru li miegħu hija relatata d-deżinjazzjoni fuq perġodu kontinwu ta' sena, l-impriża ferrovjarja tista' titlob lill-Kummissjoni tittermina d-deżinjazzjoni tagħha bħala impriża ferrovjarja li għandha preżenza sinifikanti fis-suq f'dak l-Istat Membru u li tneħħiha mil-lista msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik it-talba abbażi tal-aħħar data disponibbli msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u, meta t-talba tiġi vvalutata bħala fondata, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jittermina d-deżinjazzjoni ta' dik l-impriża ferrovjarja bħala li għandha preżenza sinifikanti fis-suq u jneħħiha mil-lista. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 13(2).

⁴³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri fil-qafas tal-monitoraġġ tas-suq ferrovjarju (ĠU L 181, 9.7.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/1100/oj).

Artikolu 8

Perjodu ta' prenotazzjoni

Il-fornituri ta' servizzi ferrovjarji għandhom jagħmlu l-biljetti għal servizz ferrovjarju disponibbli għall-bejgħ mill-inqas 5 xhur qabel it-tħaddim ta' dak is-servizz ferrovjarju, dment li jkun ġie inkluż fl-iskeda operatorja kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (14) tar-Regolament dwar l-użu tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja. Dan ir-rekwiżit ma għandux jillimita l-kapaċità tal-fornitur ta' servizz ferrovjarju li maż-żmien iwarja l-prezzijiet tal-biljetti tiegħu jew iżid servizzi ġodda mal-iskeda operatorja. Il-biljetti għal servizzi miżjuda għandhom ikunu disponibbli mingħajr dewmien wara l-inklużjoni fl-iskeda operatorja.

Artikolu 9

Korpi nazzjonali tal-infurzar

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-korp regolatorju msemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2012/34/UE bħala l-korp nazzjonali tal-infurzar skont dan ir-Regolament.
L-Istati Membri li għalihom ma japplikax l-Artikolu 55 tad-Direttiva 2012/34/UE għandhom jiddeżinjaw bħala l-korp nazzjonali tal-infurzar il-korp tal-infurzar li huma ddeżinjaw għar-Regolament [RMB].
2. Il-korp nazzjonali tal-infurzar tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit fornitur ta' servizzi ferrovjarji għandu jkollu s-setgħa li jinforza dan ir-Regolament fir-rigward ta' dak il-fornitur ta' servizzi ferrovjarji.
3. Il-korp nazzjonali tal-infurzar tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit fornitur tas-servizzi tal-biljettar ferrovjarju online għandu jkollu s-setgħa li jinforza dan ir-Regolament fir-rigward ta' dak il-fornitur tas-servizzi tal-biljettar ferrovjarju online.
4. Meta fornitur tas-servizzi tal-biljettar ferrovjarju online ma jkollux stabbiliment fl-Unjoni, il-korpi nazzjonali tal-infurzar tal-Istati Membri kollha għandu jkollhom is-setgħa li jinfurza dan ir-Regolament fir-rigward ta' dak il-fornitur tas-servizzi tal-biljettar ferrovjarju online.

Artikolu 10

Kompiti u kompetenzi tal-korpi nazzjonali tal-infurzar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-korp nazzjonali tal-infurzar ikunu definiti b'mod ċar u jkopru mill-inqas dan li ġej:
 - (a) il-monitoraġġ tal-konformità ma' dan ir-Regolament u t-teħid ta' miżuri biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tiegħu;
 - (b) it-trattament ta' lmenti dwar allegat ksur ta' dan ir-Regolament;
 - (c) l-azzjoni fuq inizjattiva proprja biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament;
 - (d) l-impożizzjoni ta' penali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 12, meta l-korp nazzjonali tal-infurzar jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu nkisru;
 - (e) il-kooperazzjoni mal-korpi nazzjonali tal-infurzar ta' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni biex jiġi żgurat infurzar koerenti ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-fornituri ta' servizzi ferrovjarji, il-fornituri tas-servizz ta' biljettar online u kwalunkwe entità oħra fejn rilevanti għandhom jipprovdu d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti lill-korp nazzjonali kompetenti tal-infurzar fuq talba tiegħu mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn xahar minn meta jirċievu t-talba. F'każijiet kumplessi, il-korp nazzjonali tal-infurzar jista', meta jintalab, jestendi dan il-perjodu għal massimu ta' 3 xhur minn meta jirċievi t-talba.
3. Deċiżjoni tal-korp nazzjonali tal-infurzar għandha tkun vinkolanti fuq il-partijiet kollha msemmija f'dik id-deċiżjoni. Ma għandhiex tkun soġġetta għall-kontroll ta' istanza amministrattiva oħra. Il-korp nazzjonali tal-infurzar għandu jkun jista' jinfurza d-deċiżjonijiet tiegħu bil-penali xierqa.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjonijiet meħuda mill-korp nazzjonali tal-infurzar jkunu suġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju. L-azzjoni li tikkontesta d-deċiżjoni tal-korp nazzjonali tal-infurzar jista' jkollha effett sospensiv fuq dik id-deċiżjoni biss meta l-effett immedjat tad-deċiżjoni jista' jikkawża dannu irriversibbli jew manifestament eċċessiv lill-parti li tressaq il-kontestazzjoni.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda mill-korpi nazzjonali tal-infurzar jiġu ppubblikati.
6. Il-korpi nazzjonali tal-infurzar għandhom jikkooperaw mal-korpi nazzjonali tal-infurzar ta' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni biex jiżguraw l-infurzar koerenti ta' dan ir-Regolament, l-assistenza reċiproka fil-kompiti ta' monitoraġġ tas-suq, l-infurzar, il-proċess tad-deżinjazzjoni u t-trattament tal-ilmenti, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni rilevanti filwaqt li jirrispettaw kif xieraq il-kunfidenzjalità ta' data sensittiva kummerċjalment. Il-korpi nazzjonali tal-infurzar għandhom jikkooperaw fi ħdan in-network ta' korpi regolatorji msemmi fl-Artikolu 57(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, permezz ta' konsultazzjonijiet u investigazzjonijiet konġunti, billi jadottaw opinjonijiet jew rakkomandazzjonijiet, jew permezz ta' attivitajiet rilevanti oħra. Meta korp nazzjonali tal-infurzar jinħatar skont l-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu ta' dan ir-Regolament, dak il-korp għandu jiġi mistieden jissieħeb fin-network għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.
7. Sat-[30 ta' Ġunju 2030], u kull sentejn wara dan, il-korpi nazzjonali tal-infurzar għandhom jippubblikaw rapporti bl-istatistika dwar l-attività tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż dwar il-penali applikati. Dawk ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-siti web tagħhom.

Artikolu 11

Ilmenti

1. Il-fornituri tas-servizz ta' biljettar online għandu jkollhom id-dritt li jressqu lment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament mal-korp nazzjonali tal-infurzar tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti.
2. Il-fornituri ta' servizzi ferrovjarji għandu jkollhom id-dritt li jressqu lment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament mal-korp nazzjonali tal-infurzar tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti.
3. Fornitur tas-servizz ta' biljettar online li ma jkunx stabbilit fl-Unjoni għandu jkollu d-dritt li jippreżenta lment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament mal-korp nazzjonali kompetenti tal-infurzar tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-parti li allegatament

tkun wettqet il-ksur jew li fit-territorju tiegħu jkunu ġew ipprovduti s-servizzi ferrovjarji kkonċernati, jew parti minnhom.

4. Il-korp nazzjonali tal-infurzar li jirċievi lment skont il-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandu jivvaluta l-ilment. Fejn xieraq, għandu jibagħtu mingħajr dewmien lill-korp nazzjonali kompetenti tal-infurzar f'konformità mal-Artikolu 9.
5. Il-korp nazzjonali kompetenti tal-infurzar għandu jittratta l-ilmenti fi żmien raġonevoli. Meta l-ilment ikun jikkonċerna n-nuqqas ta' konklużjoni ta' ftehim kummerċjali msemmi fl-Artikolu 4(1) u fl-Artikolu 5(2) fi żmien 8 xhur, il-korp nazzjonali tal-infurzar għandu jidher deċiżjoni fi żmien 6 xhur minn meta jirċievi l-ilment, li tistabbilixxi t-termini tal-ftehim li għandu jiġi konkluż.
6. Il-korpi nazzjonali tal-infurzar għandhom jirrifjutaw li jittrattaw ilment jekk ikun diġà ġie ppreżentat ilment ieħor dwar l-istess suġġett bejn l-istess partijiet ma' korp nazzjonali tal-infurzar ieħor jew ikun intalab rimedju effettiv quddiem qorti nazzjonali ta' Stat Membru.
7. Il-korp nazzjonali tal-infurzar tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fornitur tas-servizz ta' biljettar online u l-korp nazzjonali tal-infurzar tal-Istat Membru li fih iseħħ is-servizz ferrovjarju kkonċernat, jew parti minnu, għandhom jikkooperaw f'konformità mal-Artikolu 10(6).
8. Il-korpi nazzjonali tal-infurzar għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-eżistenza ta' lment lill-korpi nazzjonali tal-infurzar tal-Istati Membri:
 - (a) li fihom ikun stabbilit il-fornitur tas-servizz ta' biljettar online li jkun l-oġġett tal-ilment;
 - (b) li fihom tkun stabbilita l-impriża ferrovjarja li tkun l-oġġett tal-ilment;
 - (c) li fit-territorju tagħhom kienu pprovduti s-servizzi tat-trasport.Il-korp nazzjonali tal-infurzar li jittratta lment jista' jitlob ukoll informazzjoni rilevanti mill-korpi nazzjonali tal-infurzar imsemmija fl-ewwel subparagrafu u għandu jqis dik l-informazzjoni qabel ma jieħu deċiżjoni.

Artikolu 12

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati u infurzati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u nondiskriminatorji.
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk ir-regoli u l-miżuri lill-Kummissjoni sa [id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament] u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti tagħhom.

Artikolu 13

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għaż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea (SERAC) stabbilit mill-Artikolu 62(1) tad-Direttiva 2012/34/UE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 14

Rapport

Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 5 snin wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sejbiet ewlenin tagħha relatati mal-implimentazzjoni tiegħu.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika minn [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-biljettar ferrovjarju.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

It-trasport, is-servizzi diġitali.

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Il-promozzjoni ta' biljettar ferrovjarju uniku għal vjaġġi b'aktar minn operatur wieħed.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

It-titjib tal-kompletezza tal-offerta ferrovjarja fuq il-pjattaformi tal-fornituri tas-servizz ta' biljettar online.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-proposta hija mistennija li ttejjeb l-attrazzjoni tal-ferrovija, billi tagħmel aktar mill-offerti eżistenti disponibbli faċilment fuq il-pjattaformi tal-fornituri tas-servizz ta' biljettar online u trawwem kombinamenti ta' daww il-prodotti f'biljetti uniċi, anke għal vjaġġi b'aktar minn operatur wieħed. Dan huwa mistenni li jinkoraġġixxi bidla modali u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-istadji importanti ewlenin ikkunsidrati għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet tal-oġġettiv huma li (i) tiżdied l-offerta online ta' biljetti ferrovjarji, inklużi biljetti uniċi għal vjaġġi b'aktar minn operatur wieħed (ii) jinkisbu negozjati ta' ftehimiet kummerċjali ġusti u nondiskriminatorji bejn l-organizzaturi ta' servizzi tal-passiġġieri tal-ferrovija u l-fornituri tas-servizz ta' biljettar online. Il-progress lejn dan l-oġġettiv se jiġi mmonitorjat bl-użu ta' żewġ indikaturi ewlenin: l-għadd ta' fornituri ta' servizzi tal-passiġġieri tal-ferrovija preżenti (i) fuq pjattaformi ta' fornituri tas-servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli; u (ii) fuq pjattaformi ta' fornituri ewlenin tas-servizzi tal-biljettar importanti.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁴⁴

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

⁴⁴

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-rekwiżiti importanti jinkludu:

- (a) L-implimentazzjoni mis-settur ferrovjarju tar-rekwiżiti tal-iskambju tad-data stabbiliti mill-Ispesifikazzjoni Teknika għall-Interoperabbiltà relatata mat-Telematika, li ġiet adottata fil-bidu tal-2026.
- (b) Infurzar adegwat mill-Korpi Regolatorji tal-Ferroviji nazzjonali tal-konformità ma' dan ir-Regolament. Ir-Regolament għandu japplika minn 12-il xahar wara li jidħol fis-seħħ, li bejn wiehded u ieħor ikun it-tieni nofs tal-2028.
- (c) Qabel id-dħul fis-seħħ, id-DG Mobilità u Trasport qed jippjana li jorganizza laqgħat ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati biex jiżgura implimentazzjoni bla xkiel.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

L-azzjoni fil-livell tal-UE hija ġustifikata minħabba li l-oġettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. Filwaqt li l-miżuri legali li jindirizzaw l-organizzaturi ta' servizzi tal-passiġġieri tal-ferrovija u s-servizz ta' biljettar online jistgħu jiġu żviluppati fil-livell reġjonali jew nazzjonali, il-kontinwità tas-sistema tat-trasport tal-UE teħtieġ approċċ madwar l-UE kollha, b'mod partikolari fil-qasam tal-ferroviji. Offerta ta' biljettar frammentata toħloq ostakli għall-ivvjaġġar internazzjonali mingħajr xkiel, tillimita l-effettività tas-soluzzjonijiet tat-trasport multimodali u tillimita l-effettività tal-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura ferrovjarja u tas-servizzi tal-OSP. L-intervent fil-livell tal-UE jista' jgħin biex jingħelbu dawn l-ostakli billi jiġu armonizzati l-prattiki ta' kondiviżjoni tad-data, jiġu ordnati u ssimplifikati n-negożjati tal-kuntratti u titrawwem il-kompetizzjoni.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhod*

Jistgħu jittieħdu tagħlimiet mis-settur tal-avjazzjoni u b'mod aktar speċifiku mill-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sistemi ta' Prenotazzjoni Kompjuterizzata (CRS): Ir-Regolament tal-Kunsill 2299/89⁴⁵ ġie adottat biex jiġi żgurat trattament ugwali tal-linji tal-ajru kollha li t-titjiriet tagħhom ġew inklużi f'CRS sabiex tiġi promossa l-kompetizzjoni bejn il-linji tal-ajru fis-settur tad-distribuzzjoni indiretta tal-biljetti tal-ajru. Introduċa rekwiżiti biex ir-riżultati jintwerew fuq skrin imparzjali li ma jiffavorix lit-trasportaturi prinċipali tas-CRS (jew lil kwalunkwe trasportatur ieħor) u biex jiġi żgurat li t-trasportaturi prinċipali ma jiffavorux lis-CRS tagħhom stess fuq l-oħrajn kif ukoll biex jiġi żgurat li l-aġenti tal-ivvjaġġar u fl-aħħar mill-aħħar il-konsumaturi jkollhom aċċess għal offerti mingħajr preġudizzju. Il-Kodiċi ta'

⁴⁵

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89 tal-24 ta' Lulju 1989 dwar kodiċi ta' kondotta għal sistemi ta' riżervazzjoni kompjuterizzata, ĠU L 220, 29.7.1989, p. 1

Kondotta tas-CRS ġie evalwat fl-2020. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-oġġettivi ta' (i) l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi u (ii) iż-żieda fit-trasparenza għadhom rilevanti. L-evalwazzjoni wriet li l-Kodiċi ma żgurax bis-sħiħ kundizzjonijiet ekwi għat-trasportaturi parteċipanti kollha, fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi tas-CRS u l-użu tagħhom, peress li ma wassalx għal bilanċ aħjar tas-saħħa ta' negozjar ta' trasportaturi tal-ajru ta' daqsijiet differenti fil-konfront tas-CRSs. Madankollu, l-evalwazzjoni kkonkludiet li r-rekwiżiti ta' trasparenza, fil-forma tal-wiri newtrali, jibqgħu importanti, peress li l-aġenti tal-ivvjaġġar, kemm offline kif ukoll online, u l-kumpaniji tal-ġestjoni tal-ivvjaġġar għadhom jiddependu ħafna fuq id-data tas-CRS speċjalment għall-ivvjaġġar fuq xogħol. Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni kkonkludiet li filwaqt li l-promozzjoni tat-trasport bil-ferrovija u multimodali tibqa' importanti, din għandha tkompli tinkiseb permezz ta' inizjattivi usa' minflok regoli speċifiċi għas-CRS.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-proposta hija konsistenti ma' strumenti oħra tal-UE u ma' politiki rilevanti tal-UE, u b'mod partikolari:

Politiki tat-trasport diġitali: Skont ir-Regolament Delegat dwar is-Servizzi ta' Informazzjoni dwar l-Ivvjaġġar Multimodali (MMTIS), l-Istati Membri jridu jistabbilixxu punti ta' aċċess nazzjonali li jikkostitwixxu punt uniku ta' aċċess għall-utenti tad-data għad-data statika, storika, osservata u dinamika dwar l-ivvjaġġar u tat-traffiku ta' modi differenti ta' trasport, bl-għan li jipprovdu servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali. Madankollu, l-iskambju bejn il-fornituri tas-servizz ta' biljettar online li jkunu kapaċi jagħmlu riżervazzjonijiet, prenotazzjonijiet, jew joħorġu biljetti jeħtieġ data addizzjonali (eż. prezzijiet ta' biljetti f'ħin reali).

Politiki tad-data orizzontali: Sabiex jiġu kkumplementati l-prinċipji ġenerali tal-Att dwar is-Swieq Diġitali, fil-proposta għal Regolament dwar il-biljettar ferrovjarju hemm inklużi miżuri settorjali biex tittejjeb l-informazzjoni trasparenti għall-konsumatur u biex jittejjbu l-kundizzjonijiet ekwi għall-biljettar ferrovjarju fost il-partijiet ikkonċernati. Il-proposta għal Regolament dwar il-Biljettar Ferrovjarju tikkomplementa d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) peress li tappoġġa wkoll ambjent online sikur, prevedibbli u fdat. Is-sinerġiji mal-Att dwar id-Data (DA) jimmaterjalizzaw permezz ta' regoli armonizzati dwar il-kondiviżjoni tad-data inklużi regoli dwar il-kondiviżjoni tad-data min-negozji għall-gvern (B2G) u regoli dwar termini kuntrattwali inġusti.

Politiki dwar il-prattiki kummerċjali: Id-Direttiva riveduta dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti tipprojbixxi r-reklamar qarrieqi u l-promozzjoni mħallsa għal klassifikazzjoni oġġla ta' prodotti fir-riżultati tat-tiftix fuq pjattaformi ta' distribuzzjoni online. Dawn ir-regoli jikkomplementaw il-proposta għal Regolament dwar il-Biljettar Ferrovjarju, li tagħti lill-fornituri ta' servizzi ferrovjarji d-dritt li jkunu preżenti fuq il-pjattaformi tal-aktar fornituri importanti tas-servizzi tal-biljettar ferrovjarju online.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Il-kostijiet rikorrenti ta' aġġustament għall-Kummissjoni Ewropea huma relatati mar-rekwiżit għall-Kummissjoni Ewropea li tiddeżinja l-fornituri ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli bi preżenza sinifikanti fis-suq (SMP) u li

tikkoordina mal-korpi regolatorji nazzjonali u li timmonitorja s-swieq nazzjonali rispettivi. Dan huwa preżunt li jirrikjedi żewġ FTE fis-sena mill-2028 'il quddiem.

1.6. Durata tal-proposta/inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

- ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2028 sal-2030,
segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi deżinjati minnhom
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)
- ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku
- ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati
- ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati
- ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

--

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Il-miżura proposta hija ffukata fuq azzjoni politika u monitoraġġ u ma tipprevedi l-ebda ġestjoni tad-dħul jew tan-nefqa, iżda biss ir-reklutaġġ ta' riżorsi umani addizzjonali (żewġ FTEs).

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

In-nefqa li tikkorrispondi għal dawn il-miżuri se tiġi ġestita f'konformità mal-proċessi korporattivi.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Il-Kummissjoni tapplika kontrolli bir-reqqa fuq il-ġestjoni tal-kuntratti tal-impjeg u d-DĠ Mobilità u Trasport jirrispetta standards etiċi stretti. Il-proposta leġiżlattiva ma tinvolvi l-ebda ġbir ta' dħul u ma tirrikjedi l-ebda mekkaniżmu ta' kontroll addizzjonali.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (ratio bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u mal-ghelug)*

Ir-riskju ġenerali ta' errur mistenni jkun baxx ħafna u diġà hu kopert mill-ambjent ta' kontroll eżistenti. L-ebda kontroll awtomatizzat mhu mistenni li jkun meħtieġ.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Il-proposta leġiżlattiva ma tinvolvi l-ebda ġbir ta' dħul mid-DĠ Mobilità u Trasport. Fir-rigward tan-nefġiet, dawn huma previsti għar-reklutaġġ ta' riżorsi umani addizzjonali. Ir-riskju ta' frodi u irregolaritajiet hu meqjus baxx ħafna u se jkun kopert mill-kontrolli eżistenti. Id-DĠ Mobilità u Trasport irreveda l-istrateġija tiegħu kontra l-frodi f'konformità mal-linji gwida tal-OLAF fl-2020 u qed jippjana aġġornament sussegwenti fl-2026. L-istrateġija lokali tinkludi azzjonijiet rilevanti biex tiġi żgurata s-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-frodi, azzjonijiet iddedikati għall-valutazzjoni tar-riskju u tiżgura kooperazzjoni effettiva u effiċjenti mal-korpi investigattivi. Il-qafas korporattiv jiżgura d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni, għall-bini u għall-persunal lill-awdituri esterni (il-Qorti Ewropea tal-Awdituri) u dawk interni (IAS).

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff ⁴⁶ .	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁴⁷	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali ⁴⁸	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
4	<i>Il-linja baġitarja se tkun disponibbli ladarba jkollna l-istruttura l-ġdida tal-baġit tal-QFP</i>	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

⁴⁶ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

⁴⁷ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Fieles.

⁴⁸ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif huwa spjegat hawn taħt

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali				4		“Nefqa amminis trattiva” 49				
DĠ: Mobilità u Trasport				Se na 20 28	S e n a 2 0 2 2 3 9	S e n a 2 0 2 3 0 1	S e n a 2 2 0 3 2	S e n a 2 2 0 3 3	S e n a 2 2 0 3 4	T O T A L Q F P 2 0 2 8 –

⁴⁹ Sabiex jiġu ddeterminati l-appropriazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

									2 0 3 4
Riżorsi umani		0, 38 8	0 3 8	0 3 8	0 3 8	0 3 8	0 3 8	0 3 8	2 7 1 6
Nefqa amministrattiva oħra		0, 01 0	0 0 1	0 0 1	0 0 1	0 0 1	0 0 1	0 0 1	0 0 7 0
TOT AL TAD -DĠ MO BILI TÀ U TRA SPO RT	Approprjazzjonijiet	0, 39 8	0 3 9	0 3 9	0 3 9	0 3 9	0 3 9	0 3 9	2 7 8 6

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	TOTAL QFP 2028– 2034
TOTAL tal- approprjazzjonijiet skont l- INTESTATURI 1 sa 4	Impenji	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	2,786
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	2,786

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2028– 2034
	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	
INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	0,388	0,388	0,388	0,388	0,388	0,388	0,388	2,716
Nefqa amministrattiva oħra	0,010	0,010	0,010	0,010	0,010	0,010	0,010	0,070
Subtotal tal-INTESTATURA 4	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	2,786
Barra mill-INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	0,398	2,786

L-impatt stmat fuq in-nefqa u l-persunal għall-2028 u lil hinn qiegħed jiżdied għal skopijiet illustrattivi biss u ma jippreġudikax il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Is-sors ta' finanzjament u l-ambitu tal-impenn finanzjarju tal-Unjoni fil-perjodu ta' wara l-2027 jibqgħu sogggetti għall-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-QFP 2028–2034 u minn hemm 'il quddiem għandhom jiġu ddeterminati permezz tal-proċedura baġitarja annwali. L-appropriazzjonijiet u l-allokazzjonijiet tal-persunal kollha mill-2028 huma indikattivi.

3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani
- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs)

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	2	2	2	2	2	2	2
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0	0	0	0

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034
• Persunal estern (FTEs)							
20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)	0	0	0	0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
Ammin. Linja ta’ appoġġ	• fil-Kwartieri Ġenerali • fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0
[XX.01.YY.YY]		0	0	0	0	0	0
(AC, END – Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0	0
(AC, END – Riċerka diretta)		0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) – Intestatura 4		0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) – Barra mill-Intestatura 4		0	0	0	0	0	0
TOTAL		2	2	2	2	2	2

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (FTEs):

	Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	Persunal addizzjonali eċċezzjonali *		
		Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 7 jew skont ir-Riċerka	Għandu jiġi ffinanzjat mill-linja BA	Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal	2		M/A	0
Persunal estern (CA, SNEs, INT)		0	0	0

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	Il-ħidma addizzjonali fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament, se tirrikjedi riallokazzjoni interna ta’ żewġ postijiet fit-tabella tal-persunal mill-adozzjoni tar-Regolament. Il-ħidma addizzjonali hija relatata ma’: id-deżinjazzjoni ta’ fornitur ta’ servizzi tal-biljettar ferrovjarju online
---------------------------------	---

	indispensabbli fil-livell tal-Istati Membri: Ir-Regolament jintroduċi rekwiżit għall-KE biex tiddeżinja fornitur ta' servizzi tal-biljettar ferrovjarju online indispensabbli – dan se jirrikjedi li l-KE tittratta n-notifiki li tirċievi mill-Istati Membri, timmonitorja l-iżviluppi u timmonitorja s-suq biex tiżgura li l-fornituri tas-servizzi rilevanti kollha jinnotifikaw. Il-KE jista' jkollha bżonn tittratta wkoll ilmenti/investigazzjonijiet ulterjuri relatati mal-proċess ta' deżinjazzjoni. Maż-żmien, il-KE se jkollha bżonn timmonitorja l-iżviluppi u timmaniġġja l-lista ta' entitajiet deżinjati (b'żidiet jew tneħħija potenzjali mil-lista). Barra minn hekk, hija meħtieġa koordinazzjoni mal-korpi regolatorji nazzjonali: il-KE jeħtieġ li tivverifika n-notifiki mill-Istati Membri, tikkoordina mal-korpi nazzjonali tal-infurzar, tippubblika u taġġorna listi dinamiċi fuq is-sit web tal-KE. Il-proċess rikorrenti tal-valutazzjoni tan-notifiki riċevuti, il-monitoraġġ tas-suq tal-UE u l-koordinazzjoni mal-korpi regolatorji nazzjonali jirrikjedu kapaċità ddedikata u speċjalizzata ħafna, speċjalment fid-dawl tar-rekwiżiti ferrovjarji speċifiċi. Għalhekk, huma previsti żewġ FTEs biex jissimplifikaw il-koordinazzjoni, inaqqsu d-dewmien fid-deżinjazzjonijiet, u jżommu regjistru pubbliku akkurat u aġġornat, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza tas-suq u l-infurzar effettiv skont il-qafas regolatorju l-ġdid. Minħabba l-għarfien speċjalizzat ħafna meħtieġ u l-kombinament ta' kompetenzi (sfond speċjalizzat fil-kompetizzjoni flimkien ma' ħiliet ta' abbozzar legali), il-ħtiġijiet jistgħu jiġu ssodisfati b'żewġ postijiet AD.
Persunal estern	

3.2.5. *Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali*

Obbligatorju: fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi inkluża l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

B'mod eċċezzjonali, meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-appropriazzjonijiet skont l-Intestatura 7 għandhom jiġu ppreżentati fil-linja ddeżinjata.

L-appropriazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 6 għandhom jiġu riflessi bħala “Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali”. Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li għandu jintuża għall-użu mill-ġdid/għax-xiri/għall-iżvilupp ta' pjattaformi/għodod tal-IT relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (pereż. liċenzji, studji, ħżin ta' data eċċ.). L-informazzjoni pprovduta f'din it-tabella għandha tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati fit-Taqsima 4 “Dimensjonijiet diġitali”.

TOTAL tal-appropriazzjonijiet diġitali u tal-IT	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021–2027
INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT (korporattiva)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Barra mill-INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)
- ☐ tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP
- ☐ tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

3.2.7. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☒ ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati					

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
- ☐ fuq ir-riżorsi proprji
- ☐ fuq dħul ieħor
- ☐ indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁵⁰			
		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
Artikolu					

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Jekk l-inizjattiva ta' politika tiġi vvalutata bħala li ma għandha l-ebda rekwiżit ta' rilevanza diġitali, ipprova spjegazzjoni għaliex ma jintużawx mezzi diġitali.

Din l-inizjattiva ma għandha l-ebda rekwiżit ta' rilevanza diġitali: Ma tikkonċernax il-forniment ta' servizz pubbliku. Timponi obbligi fuq ċerti atturi tas-suq fil-qasam tal-biljettar ferrovjarju online. L-iskambju tad-data b'riżultat ta' dawn l-obbligi għandu jkun strutturat f'konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti, b'mod partikolari r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/253 dwar l-Ispesifikazzjoni Teknika għall-Interoperabbiltà relatata mat-Telematika (TSI TEL), li ġie adottat fi Frar 2026.

Inkella, elenka r-rekwiżiti tar-rilevanza diġitali fit-tabella ta' hawn taħt:

Referenza għar-rekwiżit	Deskrizzjoni tar-rekwiżit	Attur(i) affettwat(i) jew ikkonċernat(i) mir-rekwiżit	Proċessi ta' Livell Għoli	Kategoriji

⁵⁰ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-impasti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Referenza għar-rekwiżit	Deskrizzjoni tar-rekwiżit	Attur(i) affettwat(i) jew ikkonċernat(i) mir-rekwiżit	Proċessi ta' Livell Għoli	Kategoriji

4.2. Data

Din l-inizjattiva ma tintroduċix obbligu ġdid ta' rapportar, peress li tagħmel użu minn obbligi eżistenti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100. Kwalunkwe skambju ta' data li jkun meħtieġ bejn il-partijiet ikkonċernati, se jkun ibbażat fuq ftehim kummerċjali, u se jkun regolat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/253 (TSI Telematika).

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Din l-inizjattiva ma tintroduċi l-ebda soluzzjoni diġitali.

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

L-inizjattiva ma tintroduċix servizzi pubbliċi diġitali.

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

L-ebda rekwiżit ta' rilevanza diġitali ma ġie identifikat fit-taqsima 4.1.